# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 845 Jannar 2003







GOZO CATHEDRAL PARISH CENTRE
DONATED BY George Cordina
2/06
(DATE)
GAD 116691

## Skola Sekondarja Privata għall-Bniet Għawdxin


LUMEN CHRISTI
366 BIBLE STORIES
IL-BIBBJA GĦAT-TFAL FI 365 STORJA
OLIVER FRIGGIERI
L-ISTORJA TA' ĠESÙ
miktuba għat-tfal
IL-BIBBJA GĦAT-TFAL
366 Fairy Tales
THE BIBLE for Children
Classic Enid Blyton Stories
Ktieb tajjeb huwa l-aqwa ħabib...
365 TALBA GĦAT-TFAL
My Big Fun Book of NUMBERS
Fil-"Lumen Christi" issib kemm trid!
BAZAAR PERMANENTI
BI SKONT TA' 10%
FUQ KOTBA MILL-ISBAĦ
għat-tfal
FIRST FUN ENCYCLOPEDIA
alphabetical order
more than 500 illustrations and photographs
activities and puzzles
KNOW THE WORLD OF ANIMALS
Birds, Reptiles and Insects
Children's WORLD ATLAS
WORLD HISTORY ENCYCLOPEDIA
MILLENNIUM · EDITION
THE ILLUSTRATED FLAG HANDBOOK
A guide to over 200 flags from around the world
MARIA COSTANTINO
MY BOOK OF EUROPE
THE EUROPEAN COMMUNITY and how it works
My Book of SCIENCE EXPERIMENTS

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista - L-Ewwel Skola Sekondarja Privata għall-Bniet f'Għawdex • 12
Il-Pastorali maż-Żgħażagħ: Kemm qed tingħata l-prijorita` li jistħoqqilha? • 16
ACM: Naqdu lil Kristu fl-oħrajn • 20
Bookmark • 22
Għawdex 300 sena ilu – Ilma għall-Palazz tal-Gvernatur • 23
Tifsir fuq it-tagħlim tat-Twemmin Nisrani (13) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (12) • 26
Wirt Għiritna – Il-Mużew tal-Katidral (1) • 30
Xhieda Nisranija : Fra Baskal • 32
Għawdxin li għadna niftakru (1) • 34
L-Isqof li heżżeż L-Amerika • 36
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 42



IL-ĦAJJA f'Għawdex

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 845***
***Jannar 2003***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta' Diċembru 2002*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
L-Ewwel Skola Sekondarja Privata għall-Bniet f'Għawdex.

(ara l-intervista f'paġni 12-15)

EDITORJAL

# Fi Knisja li Taqdi

## Is-Sena tad-Djakonija

*Fil-Pjan Pastorali Kwinkwennali, bit-titlu 'Evanġelizzazzjoni ġdida fil-Bidu ta' Millennju ġdid', imniedi mid-Djoċesi ta' Għawdex għas-snin 2001-2005, kien ġie deċiż li s-sena 2003 tiġi ddedikata lid-Djakonija.*

*Id-Djakonija fi kliem sempliċi tfisser qadi, u bħala terminu reliġjuż allura tfisser qadi motivat mill-imħabba evanġelika. Id-Djakonat huwa ministeru antik ħafna fil-Knisja, anzi nistgħu ngħidu li beda mat-twaqqif ta' l-istess Knisja. Infatti, l-bażi biblika l-aktar profonda tal-qadi huwa l-episodju tal-ħasil tar-riġlejn imwettaq minn Kristu nnifsu lid-dixxipli tiegħu dak inhar stess ta' l-Aħħar Ċena, fejn insibu wkoll l-istituzzjoni ta' żewġ sagramenti kbar: l-Ewkaristija u l-Ordni Sagri: "Mela jekk jien, li jien il-Mulej u l-Imgħallem, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin. Għax jien tajtkom eżempju, biex kif għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll" (Ġw 13, 14-15).*

*Id-Djakonija hija wieħed mill-pilastri ewlenin li fuqhom tinbena l-Knisja. Infatti, biex wieħed iqis kemm hi effettiva kull komunita` ekkleżjali, wieħed irid jaqbad il-polz tad-djakonija f'dik il-knisja partikulari. Ma tistax Knisja tiftaħar li tgħix il-Kelma t'Alla, li tgħix il-liturġija, u mbagħad issibha dgħajfa f'dan il-qasam.*

*Il-Knisja minn dejjem fettxet li tgħix mill-aħjar li tista' dan l-amar ta' Kristu. Fil-fatt, tul l-istorja kollha tagħha, il-Knisja dejjem kienet il-pijuniera f'dak li għandu x'jaqsam ma' servizz lejn il-batut, il-marid, il-fqir, l-abbandunat ... eċċ.*

*U dan jista' joqgħod ukoll għall-Knisja ta' Għawdex, li minn dejjem wettqet dan is-servizz bi mħabba u dedikazzjoni. Minn hawn irrid ngħid kelma ta' tifħir lill-Caritas Għawdxija li taħdem bla heda b'risq il-promozzjoni tal-bniedem sħiħ. In-numru ta' djar soċjali, bħal ma huma ċ-Ċentri għall-Persuni b'Diżabilita`, r-Respite Centre, Lourdes Home, id-Djar ta' l-Anzjani ... eċċ., huma l-isbaħ ċertifikat ta' dan l-impenn evanġeliku.*

*Għaldaqstant id-Djakonija m'hijiex il-għalqa tax-xogħol tal-Knisja bħala istituzzjoni biss, imma kif insibu fl-istess dokumenti tal-Pjan Pastorali Kwinkwennali, kemm it-tfal, kemm iż-żgħażagħ, kif ukoll il-familja huma mħeġġa biex jimpenjaw ruħhom bis-serjeta` f'dan il-ministeru u jwettquh b'ħeġġa u mħabba lejn ħutna fil-bżonn.*




Seminarista Victor Said

### *Ġimgħa tal-Parroċċa f'San Ġorġ*

Nhar il-Ħadd, 3 ta' Novembru 2002, l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi fetaħ uffiċċjalment il-Ġimgħa tal-Parroċċa fil-parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria. Hu kkonċelebra flimkien mal-kapitlu tal-parroċċa fil-quddiesa tal-11.00 a.m. u fiha għamel l-omelija ta' l-okkażjoni. Matul l-omelija, Mons. Isqof semma l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-lajċi fid-diversi oqsma tal-parroċċa u l-ħtieġa tal-katekisti biex ikomplu jrawmu lil uliedna fil-fidi nisranija.

### *Pellegrinaġġ Djoċesan fl-okkażjoni tal-50 Sena Saċerdozju ta' Mons.Isqof*



Il-pellegrinaġġ beda nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru. Fis-9.30 a.m. sar it-tluq mill-ajruport internazzjonali ta' Malta u waslu fl-ajruport ta' Fiumicino għall-ħabta ta' 12.30 p.m. Żaru fost l-oħrajn Cascia, Assisi, Ruma, San Giovanni Rotondo, Pietrelcina, Pompej, Napli u l-Gargano. Nhar l-Erbgħa 6 ta' Novembru, l-Isqof flimkien mal-grupp ħa sehem fl-udjenza ġenerali mal-Papa. Żaru wkoll il-Bażilika ta' San Pietru u l-oqbra tal-papiet. Il-pellegrini ġew lura nhar it-Tnejn, 11 ta' Novembru.

### *Quddiesa għall-Vittmi ta' l-Inċidenti Stradali*

Nhar il-Ħadd, 14 ta' Novembru, fid-djoċesi ta' Għawdex ġie iċelebrat "Jum il-Vittmi tat-Traffiku" bil-għan li fil-parroċċi kollha jsir talb speċjali għal dawk kollha li tilfu ħajjithom f'inċidenti tat-traffiku. Il-qofol ta' dan il-jum laħaq il-mira tiegħu f'quddiesa konċelebrata li saret fis-Santwarju ta' Pinu mmexxija minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Il-ħin kien fis-6.30 p.m. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof saħaq fuq il-ħames kmandament "La toqtolx" u wissa li m'għandna qatt inpoġġu ħajjet l-oħrajn fil-periklu permezz tas-sewqan eċċessiv u bla kontroll.

### *Irtir għas-Saċerdoti Għawdxin minn Fr.Pitre`*



Nhar il-Ħadd 10 ta' Novembru, f'Dar Manresa beda l-irtir għas-saċerdoti tad-djoċesi ta' Għawdex. Dan l-irtir kien immexxi minn Patri Alfred Pitre S.J. L-irtir ġie fi tmiemu nhar il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2002. Nhar il-Ħamis 14 ta' Novembru, l-Isqof mexxa siegħa ta' adorazzjoni bħala parti minn dan l-irtir.

### *Esebizzjoni ta' Pittura fil-Kurja minn Artist Għawdxi*

Bejn id-9 u t-23 ta' Novembru, fil-Palazz ta' l-Isqof fi Triq ir-Repubblika, fejn tinsab ukoll il-Kurja Veskovili, inżammet wirja ta' pitturi mtellgħa mill-pittur Għawdxi Mario Cassar miż-Żebbuġ, Għawdex. It-tema ta' din il-wirja sagra kienet "*Sanctificanda*", u ġew esebiti kwadri ta' figuri ta' natura reliġjuża u devozzjonali. Din l-esebizzjoni saret ad unur ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, fl-okkażjoni tal-Ħamsin Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

### *Quddiesa għar-Reliġjużi Rġiel u Nisa fil-Kunventi Għawdxin*
Ġew organizzati tlett ijiem ta' spiritwalita` għar-reliġjużi patrijiet u sorijiet f'Dar Manresa fir-Rabat. Mons. Isqof qaddes quddiesa għalihom nhar is-Sibt 16 ta' Novembru, fil-għodu.

### *Forum tal-Movimenti Missjunarji li jaħdmu għall-Missjonijiet fid-Djoċesi*
Sar forum tal-Movimenti Missjunarji li għandhom iċ-ċentri tagħhom ibbażati f'Għawdex. Il-laqgħa prinċipali saret nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru taħt il-presidenza ta' Mons. Isqof u fiha ġew diskussi diversi diffikultajiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-għajnuna li tintbagħat lill-missjunarji u l-ġbir tal-fondi għalihom. Fost dawn il-movimenti ta' min isemmi l-"Moviment Ġesu` fil-Proxxmu", il-*Gozo Missionary Group* u s-*Support for Gozo Missionaries*.

### *Laqgħa għall-Gruppi tad-Djakonija tal-Parroċċi Għawdxin*
Nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru, fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu`, saret laqgħa għall-gruppi tad-djakonija tal-parroċċi t'Għawdex. Din il-laqgħa saret bi tħejjija għal "Jum il-Karita`" li kellu jiġi ċċelebrat fil-Ħadd ta' wara, fil-Festa ta' Kristu Re. Il-kelliema ewlenin kienu Mons. Isqof li tkellem fuq il-ħtieġa tal-Volontarjat Nisrani, u Dun Manwel Curmi, Delegat ta' l-Isqof għall-*Caritas* Djoċesana, li tkellem dwar l-organizzazzjoni ta' kif isir il-ġbir għall-ġurnata djoċesana tal-karita`.

### *Quddiesa għaż-Żgħażagħ - B'Qima lejn Kristu Sultan*
Fl-okkażjoni tal-Festa ta' Kristu Sultan, Mons. Isqof ikkonċelebra quddiesa għaż-żgħażagħ nhar is-Sibt, 23 ta' Novembru. Din il-quddiesa saret fil-knisja parrokkjali tal-Munxar u fiha ħadu sehem numru sabiħ ta' żgħażagħ u adoloxxenti.






### *Festa ta' Kristu Re - "Jum il-Karita`" fid-Djoċesi Għawdxija - "L-Almanakk Għawdxi"*
Nhar il-Ħadd 24 ta' Novembru, fit-3.30 p.m. ingħata bidu għall-Korteo ta' Kristu Re li jwassal għall-Kumpless Sportiv fir-Rabat. Fil-kumpless sportiv, saret ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla, żfin, kant immexxi mill-KDZ u ħsieb minn Mons. Isqof. Fl-aħħar ingħatat il-barka sagramentali lil dawk kollha preżenti. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof semma l-importanza tar-rwol taż-żgħażagħ fis-soċjeta` tal-lum u l-impenn li għandhom bħala l-bennejja tal-familji nsara tal-futur. Fl-istess jum inżamm ukoll "Jum il-Karita`", biex jinġabru offerti mill-parroċċi kollha b'risq id-djar li d-djoċesi għandha għal dawk l-aktar fil-bżonn. Għal dan il-għan ħareġ għas-sitt sena konsekuttiva "*L-Almanakk Għawdxi 2003*" li tqassam b'xejn mill-Caritas fid-djar kollha t'Għawdex.

### *Avviż lill-qassisin u reliġjużi Għawdxin imsefrin*
***www.gozodiocese.org***- hija il-*web-site* uffiċjali tad-Djoċesi ta' Għawdex li daħħlet l-indirizzi tal-qassisin u reliġjużi Għawdxin imsefrin fuq il-*web-site* taħt PERSONELL. Kull min irid (1) jagħmel tibdil fl-indirizz; (2) għandu xi żball fl-indirizz; (3) irid idaħħal l-indirizz e-mail; jew (4) jagħmel xi tibdil ieħor f'din il-lista, għandu jibgħat nota qasira lil ***joseph.bezzina@gozodiocese.org***

# X'ġara dan l-aħħar



Lelio Spiteri

## Żjara fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex



Il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami nhar is-Sibt 23 ta' Novembru żar il-proġett ta' tkabbir u modernizzar ta' waħda mis-sezzjonijiet ta' l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, is-swali ta' l-anzjani nisa. Huwa kien akkumpanjat mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Dan il-proġett jinsab fi stadju avanżat u huwa pproġettat li dan ser jerġa' jibda jintuża min-nisa anzjani propju dan ix-xahar. Sar ukoll *open weekend* bejn l-10 u t-12 ta' Jannar biex il-pubbliku jkun jista' jara x-xogħol illi twettaq.





## "Innaddfu d-Dinja" fin-Nadur u fil-Qala

Bħala parti minn din il-kampanja, il-Kunsill Lokali tan-Nadur il-Ġimgħa 25 ta' Ottubru naddaf parti mill-inħawi magħrufa bħala Ta' Xħajma minn ammont ta' skart u terrapien li kien hemm f'dan il-post. Il-Kunsill bena ħajt baxx madwar l-*area* kollha u t-tfal ta' l-iskola primarja tan-Nadur ħawlu ammont kbir ta' siġar indiġeni fosthom ħarrub, luq u ballut. It-tfal ħadu sehem ukoll fit-tindif u kienu ndirizzati mis-sindku tal-lokalita` tan-Nadur, Dr Chris Said.

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur nieda skema li permezz tagħha bdiewa Nadurin ingħataw siġar taż-żebbuġ bi prezz sussidjat. Ġiet imnedija wkoll kampanja favur ir-riċiklaġġ ta' l-iskart.

Anke l-Kunsill Lokali tal-Qala għal darb'oħra ppartecipa f'din il-kampanja. Il-Kunsill Lokali bis-sehem tat-tfal kollha ta' l-iskola primarja tal-Qala naddaf il-bajja popolari ta' Ħondoq ir-Rummien. It-tfal kienu ndirizzati mis-Sur Norman Grech ex-kap ta' l-iskola u s-sindku Paul Buttigieg. Din l-attivita` seħħet l-Erbgħa 30 ta' Ottubru.

## "Iż-Żagħżugħ tas-Sena" - Żagħżugħ Malti onorat mill-Fondazzjoni "Oasi"

Rueben Andre' de Gabriele minn Ħal Balzan ingħata dan l-unur is-Sibt 9 ta' Novembru. Iċ-ċerimonja saret fil-Lukanda ta' Ċenċ u ġiet organizzata mill-Fondazzjoni OASI. Din kienet il-ħdax-il edizzjoni ta' dan ir-rikonoxximent nazzjonali mtella' bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u *Sports* u l-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

## *Jum it-Tifkira għall-Vittmi tat-Tieni Gwerra Dinjija*





F'Għawdex tfakkar dan il-Jum il-Ħadd 10 ta' Novembru. Iċ-ċerimonja saret fi Pjazza Indipendenza f'riġlejn il-monument ta' Kristu Re fejn kontinġent mill-Forzi Armati ta' Malta fforma Gwardja ta' l-Unur. Il-poeta Charles Bezzina għamel id-diskors kommemorattiv. Inqrat silta mill-Iskrittura Mqaddsa. Indaqq il-*Last Post* u nżammet minuta silenzju. Indaqqet ir-*reveille* u tpoġġew kuruni f'riġlejn il-monument imsemmi, minn diversi personalitajiet distinti għawdxin.

## *Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġemellaġġi tal-Irħula Għawdxin*






Il-Konferenza bit-tema "Il-Ġemellaġġi bejn Lokalitajiet f'Malta u l-Italja" fil-kwadru tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran, ġiet organiżżata fl-*Imgarr Hotel* bejn l-Erbgħa 6 u l-Ħadd 10 ta' Novembru. Din il-konferenza ġiet organizzata mill-Kunsill Lokali tan-Nadur bil-kollaborazzjoni tal-AICCRE, li hija l-*Associazione Italiana per il Consiglio dei Comuni e delle Regioni d'Europa* u bl-għajnuna finanzjarja tal-Kummissjoni Ewropea. Għal din il-konferenza kienu mistiedna rappreżentanti mill-Kunsilli Lokali ta'




Malta u Għawdex, kif ukoll is-Sindki jew rappreżentanti tal-*Comune* kollha ta' l-Italja li huma jew ser ikunu ġemellati ma' lokalitajiet Maltin u Għawdxin. Ġew diskussi diversi temi, saru ħarġiet kulturali, kif ukoll kunċert vokali.

## *Twaqqif ta' "Waste Transfer Station" minn "Tal-Brieghen" għal "Tal-Kus"*

Il-Ġimgħa 1 ta' Novembru fil-*Grand Hotel* l-Imgarr saret preżentazzjoni u diskussjoni għall-pubbliku dwar it-twaqqif ta' *Waste Transfer Station*. Il-preżentazzjoni saret mill-inġinier Chris Ciantar waqt li l-Ministri Zammit Dimech u Debono tkellmu dwar il-proġett. L-interventi tal-pubbliku preżenti kienu kollha negattivi. Il-proġett kien imsemmi li ser isir f'Tal-Brieghen, f'Għajnsielem. Il-Ministri taw assigurazzjoni li l-miżbla tal-Qortin kienet ser tingħalaq u ma kienet ser issir ebda miżbla oħra. Wegħdu li ż-żona Tal-Brieghen ma kinitx ser tibqa' kkunsidrata iżjed bħala s-sit għall-proġett, iżda kien ser isir assessjar ambjentali taż-żona magħrufa bħala Tal-Kus. Il-Ministru Zammit Dimech għamel stedina lil delegazzjoni miż-żewġ kunsilli lokali ta' Għajnsielem u tax-Xewkija biex jintbagħtu barra minn Malta mill-Gvern Ċentrali ħalli jkunu jistgħu jaraw kif titmexxa *Waste Transfer Station*.

## *"Sanctificanda" - wirja artistika fil-Kurja*

Is-Sibt 9 ta' Novembru l-Ministru għal Għawdex inawgurat il-ħames wirja personali ta' Mario Cassar li din id-darba kellha tema sagra u ttellgħet fil-Kurja ta' l-Isqof ġewwa Victoria. L-artist u għalliem żagħżugħ tella' diversi xogħlijiet ta' pittura maqsuma f'abbozzi u oħrajn kompluti, li juru l-kapaċita` ta' l-artist fil-figura umana. B'kollox ġew esebiti 43 biċċa xogħol. Persentaġġ mill-bejgħ mar għall-Fondazzjoni Arka.





## *Radju Leħen il-Qala onorat għal Programm Edukattiv*



Il-programm "L-Edukazzjoni ta' Uliedna" mxandar fuq ir-Radju Komunitarju "Leħen il-Qala" rebaħ il-kategorija ta' Programmi Edukattivi fis-serata ta' l-għoti ta' l-*awards* imnedija mill-Awtorita` tax-Xandir. Din kienet l-ewwel darba fl-istorja tax-xandir f'Malta li radju tal-komunita` jasal sal-final ta' dan il-konkors prestigjuz u jirbaħ l-unur. Il-programm kellu preżentazzjoni u produzzjoni ta' Lelio Spiteri bil-għajnuna ta' Horace Mercieca. Dan kien l-uniku *award* li rebaħ Għawdex fl-edizzjoni tal-*awards* tax-xandir għal din is-sena.

## *Grad ta' Dottorat akkwistat fl-Awstralja*



Dr Raymond Xerri kiseb id-dottorat mill-Universita` ta' Victoria ġewwa l-Australia. It-teżi ta' Xerri kienet intitolata *Gozo in the World and the World in Gozo*. Nifirħulu.




### *Vjaġġi tal-Papa għas sena 2003*

Ġwanni Pawlu II se jagħmel almenu erba' vjaġġi s-sena d-dieħla, jekk saħħtu tippermetti; lejn il-Kroazja f'April, Spanja għall-bidu ta' Mejju, il-Bosnija u s-Slovakkja aktar tard. F'kull każ, iż-żjarat papali ser ikunu ċentrali fuq iċ-ċerimonji li fihom jiġu dikjarati beati u/jew qaddisin ġodda. Xi uffiċjali ndikaw li l-Papa jista' jżur darba oħra l-Polonja. Il-Kardinal Josef Glemp ta' Varsavja ġedded l-invit lill-Papa biex iżur il-belt. Hu rapportat li l-Papa hu interessat li jattendi għat-tberik ta' knisja ġdida dedikata lill-Ħniena Divina.

### *Ġurnalista li tqaddes mill-Wheelchair tiegħu*

Fuq mitejn ġurnalista taw lill-Papa ittri ffirmati li jitolbu li Manuel Lozano Garrido, kittieb u ġurnalista li għadda 28 sena fil-*wheelchair*, jiġi beatifikat. "Aħna ġurnalisti neħtieġu interċessur bħal Lolo li jwaqqafna meta niġu ttentati biex nagħmlu kritika faċli u li tweġġa", spjega Alex Rosal, direttur tal-gazzetta Spanjola ta' darba fil-ġimgħa *Fe y Razon* (Fidi u Raġuni).

Garrido twieled f'Linares, Spanja, fl-1920 u ħadem għal diversi gazzetti. Fl-1943, marad u baqa' invalidu. Tul l-aħħar 10 snin ta' ħajtu kien għami għal kollox. Minkejja din id-diżabilita`, iddetta disa` kotba lil oħtu Luċija u lil ħbiebu, u waqqaf ir-rivista 'Sinai' għall-morda.

Fit-tletinijiet tas-seklu li għadda, Garrido daħal fl-Azzjoni Kattolika u hemm tgħallem iħobb lill-Madonna u kabbar il-ħeġġa ewkaristia li mmarkatu għal ħajtu. Meta kien adoloxxenti, kien iġorr l-Ewkaristija bil-moħbi tul il-Gwerra Ċivili Spanjola. Id-devozzjoni tiegħu lejn l-Ewkaristija kibret meta għadda l-lejl kollu ta' Ħamis ix-Xirka fil-ħabs jadura lil Ġesu` Sagramentat li ntbagħtlu moħbi f'bukkett ta' fjuri.

Meta kien paralizzat, mill-gallerija ta' daru eżatt faċċata tal-bibien tal-parroċċa, kien jieqaf ftit minn xogħolu bħala kittieb paralizzat u jgħid: "Issa, wiċċ imbwiċċ mat-Tabernaklu ser nikteb paragrafu żgħir miegħu", jiġifieri, nitkellem mal-Mulej għal ftit.

Meta l-bijografija ta' Garrido ġiet preżentata f'Madrid, il-Kardinal A. J. Ortas qal: "Mhux diffiċli timmaġina l-ferħ li hemm jistenna lil Ġwanni Pawlu II biex jara wieħed b'diżabilita` jitla fuq il-glorja tal-artali".

### *Isqof-Tabib jikkritika l-Ewtanasja*

L-Isqof Awstrijak Kalus King ta' Feldkirch, li hu wkoll tabib, qal li t-talba għall-ewtanasja hi spiss għajta għall-għajnuna. Qal ukoll li "mingħajr fidi f'Alla, ħafna jċedu quddiem it-tentazzjoni li jqassru jew itemmu l-ħajja meta jkunu megħluba minn esperjenzi ta' tbatija". Rigward min jamministra l-ewtanasja, qal illi "li tassisti f'suwiċidju ma jista' jkun qatt qadi ta' mħabba", anzi "dan jinvolvi idea żbaljata ta' kompassjoni. Il-vera kompassjoni tinvolvi kuraġġ.

M'hemmx dmir li jintużaw mezzi straordinarji biex dak li jkun jinżamm ħaj. L-ewwelnett għandha tintuża "mediċina paljativa", diretta "biex tagħmel l-uġigħ aktar sapportabbli fl-aħħar stadji tal-marda" u "biex toffri lill-pazjenti assistenza umana u lil dawk li jemmnu, support reliġjuż ukoll".

### *Il-Mibgħut tal-Papa jħeġġeġ lill-Indjani tal-Messiku*

Il-Kardinal Giovanni Battista Re qal lill-Indjani ta' Chiapas li biss jekk ikunu fidili għall-identita` tagħhom u għall-valuri nsara, jistgħu jikkontribwixxu għal aktar ġustizzja fil-Messiku. Skond il-Kardinal R. Rivera Carrera, il-Primat tal-Messiku, iż-żjara ta' Re fi Chiapas hi sinjal ta' l-imħabba li l-Papa għandu għall-Indjani. Il-Kardinal Re qal lill-Indjani: "Il-Knisja hi magħkom, tinkoraġġikom u takkumpanjakom. Żommu dejjem iħeġġu d-dwal tal-fidi".

Għandek xi tip ta' propjeta` għall–bejgħ: Farm Houses—Appartamenti—Plots u Raba'?
Jekk tixtieq tbiegħ xi propjeta`, asal wasla s'għandna jew ċempel lil J. Debrincat

**J. DEBRINCAT LIMITED**

*Pjazza San Frangisk Victoria - Gozo Tel 21553960 - 21560102 Fax 21560103*
*Email: jdmail@debrincat.com.mt www.debrincat.com.mt*




### *Dħul f'discos minn tfal taħt is-sittax il-sena.*

Fit-18 tax-xahar ta' Diċembru nżammet il-*Parents' Day* ta' l-iskejjel sekondarji tal-bniet li hemm fil-Kumpless "Kan. Ġ. P Agius de Soldanis". Jien mort biex inkellem xi għalliema dwar il-progress tat-tfal. Wara li lestejt u kont ħiereġ, waħda mill-għalliema tagħtni ittra biex niffirmaha. Kienet petizzjoni formulata mill-kunsill ta' l-istess kumpless u indirizzata lis-Supretendent tal-Pulizija f'Għawdex biex jieħu passi dwar abbuż li kien qed isir fil-konfront ta' xi tfal li jattendu fl-iskejjel sekondarji tal-gvern. Il-kunsill ilmenta u wera t-tħassib tiegħu għall-fatt li għadd ta' studenti taħt l-età ta' sittax-il sena qed jitħallew jidħlu f'*discos* u anke jixorbu xorb alkoħoliku u jpejpu s-sigaretti, bi ksur ċar tal-liġijiet tal-pajjiż. Il-kunsill u l-ġenituri tat-tfal għamlu din il-petizzjoni għax qalu li dan il-ksur tal-liġi qed isir qrib ħafna ta' l-iskejjel imsemmija, f'ħinijiet tal-ġurnata anke qabel ma l-istudenti jidħlu l-iskola... Baqax fejn naslu?!

### *Avviż li ma jiswa xejn, imma jgħin biex jitfaddal ħafna ħin.*

Tfajla Għawdxija qamet fis-6.00 ta' filgħodu għax kellha lezzjoni kmieni fl-Università. Laħqet il-vapur tas-6.45 biex taċċerta ruħha li sat-8.15 tkun fis-sala għal-*lecture*. Iżda l-*lecturer* ma ġiex għax "inqalgħetlu xi ħaġa". U t-tfajla telqet lura lejn Għawdex u waslet id-dar fil-11.00a.m., għajjiena mejta wara li tilfet 5 sigħat mill-jum. Din mhix tbatija żejda? Fid-dinja tal-lum tgħid il-*lecturer* ma jistax jibgħat nota qasira lill-*host* tal-*website* ta' l-università biex dan iħabbar li għal dak il-jum partikulari t-tali *lecturer* mhux ser ikun preżenti? Veru xi drabi - ngħidu aħna minħabba mard - dan ix-xkiel jista' jinqala filgħodu stess, imma ħafna mill-*commitments* tal-*lecturers* ikunu jafu bihom minn filgħaxija. Hekk l-Għawdxin qabel jitilqu lejn Malta jixirfu fuq dan il-*website* u jkunu jafu jekk għandhomx imorru jew le. Għax naħlulhom tant ħin lill-istudenti Għawdxin? Nota qasira tgħin ukoll lill-istudenti Maltin li kultant jaqsmu nofs Malta u jsibu bieb magħluq bħal ma sabet din it-tfajla Għawdxija. U bħala għexieren ta' studenti għawdxin KULJUM!

### *Ħwejjeġ li ma jitwemmnux...!*

Smajna li f'waħda mill-parroċċi Għawdxin qed jistennew konsinja ta' bolavostri għal madwar l-artal maġġur - qed igħidu ġejjin mill-Pakistan - biex jerġgħu jifirdu l-kommunità mill-qassis fil-knisja. Erbgħin sena ilu tneħħew u issa ser jerġgħu jsiru. Sejrin lura jew 'l quddiem f'dan Għawdex tagħna? Għal xi wħud il-Konċilju Vatikan II qisu sar għalxejn! Tgħid din diċerija biss jew proġett "ġdid" li dalwaqt jitħabbar?...

### *Żvilupp fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex.*

Nuqqas kbir li kien jeżisti fis-swali ta' l-anzjani nisa fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex issa ġie rranġat. Il-kmamar kienu żgħar għan-numru ta' residenti li jilqgħu fihom. Is-sezzjoni kollha qatt ma kienet rat xi manutenzjoni jew xi "*uplift*" minn meta ġiet inawgurata mat-tletin sena ilu. Ix-xogħol li sar fis-sezzjoni issa jinkludi t-tneħħija tas-suffitt ta' l-*asbestos*, it-tneħħija ta' ħitan diviżorji biex jikbru l-kmamar, jitkabbru t-twieqi eżistenti biex jidħol aktar dawl, u bidla ġenerali fl-istallazzjonijiet kollha tad-dawl elettriku, tal-ilma u tal-"*air conditioning*". Sar ukoll ħafna xogħol biex il-kmamar tal-banju jkunu aktar moderni u attrezzati kif imiss għall-ħtieġa ta' l-anzjani. Jiena nħoss li f'isem dawn l-anzjani residenti fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, u f'isem il-familjari tagħhom, nIżżi ħajr lill-Ministeru għal Għawdex għal dan l-iżvilupp fis-swali ta' l-anzjani.

### *Ritratt... b'mistoqsija!*



***Dan il-mafkar antik qed nistennewh jaqa` u jitfarrak, biex (forsi!) imbagħad nirranġawh?!***

### *Il-Poter u s-Servizz... Kliem jew Fatti?*

F'artiklu ta' wieħed mill-Ministri ta' l-amministrazzjoni qrajt li għalih u għal sħabu l-poter ifisser servizz. Kliem sabiħ u ta' min jammirah, imma jistona meta mbagħad tara lilu u lil sħabu li meta jaslu ċ-Ċirkewwa jaqbżu l-kju tal-karozzi biex huma u nieshom (u forsi anke ħbieb nieshom) jirkbu l-vapur bla ma joqgħodu bħalna jistennew. F'dan il-każ il-poter ma tantx ifisser servizz imma jfisser biss poter... jew, abbuż tal-poter!

### *Aktar bdiewa jgawdu minn għajnuna finanzjarja.*

Fl-aħħar ħarġa ta' din ir-rivista kont semmejt dwar l-għajnuna finanzjarja li bdiet tingħata lil dawk li jikkoltivaw id-dwieli. Issa din l-għajnuna ġiet estiża wkoll għal dawk il-bdiewa li jiżirgħu u jkabbru l-patata. Il-bdiewa Għawdxin u anke dawk Maltin bdew jirċievu sa mis-sena l-oħra, sussidju ta' għaxar liri maltin għal kull tomna miżrugħa patata. Din ingħatat għal patata li nqalgħet fir-rebbiegħa u fil-bidu tas-sajf li għadda. Għalkemm, forsi, ma' l-ewwel daqqa t'għajn din l-għajnuna finanzjarja ta' Lm 10 tidher ftit, imma ma rridux ninsew li aktar minn 730 bidwi applikaw għal din l-għajnuna, u t-talbiet ikopru ftit anqas minn 6,000 tomna raba. Nisperaw li din l-għajnuna addizzjonali isseħħ ukoll matul din is-sena.

### *Id-Dar ta' l-Anzjani f'San Lawrenz.*

Fil-festi sbieħ tal-Milied, il-Fondazzjoni Tobit flimkien mal-Kunsill Parrokkjali stiednu lill-anzjani kollha ta' San Lawrenz, Għawdex, għal ikla fid-dar ta' l-anzjani li qed tinbena f'San Lawrenz stess. Kien ħsieb sabiħ u ta' min ifaħħru li saret din l-istedina propju biex l-anzjani jkunu jistgħu jaraw b'għajnejhom stess il-proġett li kważi lest minn kollox.
Min assolutament ma jistgħax jibqa` f'daru, issa f'Għawdex ser ikollna din id-dar kbira u moderna, li tilqa` madwar ħamsin resident.
Meta wieħed jikkunsidra li l-Parroċċa ta' San Lawrenz qed tipprovdi parti kbira mill-finanzi nvoluti, bir-raġun li l-ewwel preferenza fid-dħul tingħata lill-anzjani ġejjin mill-istess kommunita`, imbagħad minn irħula u bliet oħra.



Dawk li jixtiequ jibbukkjaw jistgħu jagħtu l-informazzjoni tagħhom u jikkuntatjaw lid-Direttur "Fondazzjoni Tobit", Dar ta' l-Anzjani, San Lawrenz, Għawdex, jew iċemplu Tel: 21 556073. Il-bini ta' din id-dar nistgħu inqisuh bħala inizjattiva qaddisa u żgur li ser jimla vojt kbir f'Għawdex. Jalla



l-ħlasijiet ma jkunux tali li jista' jinqeda biha biss is-sinjur u l-benestant. Tkun biċċa taċ-ċajt jekk jiġri li din d-dar li ttellgħet bil-kontribuzzjonijiet anke ta' nies foqra, imbgħad għal dawn il-bieb ikun infetaħ għal xejn. Nistennew u naraw.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 551 070 • Fax: 563 073

SWEET SENSATIONS
CONFECTIONERY
For Cakes, Gateau, Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg
55, St. Joseph Sqr., Qala, Gozo.
Tel: 565663
Home: 552277

L-INTERVISTA

# Il-Knisja tiftaħ l-Ewwel Skola Sekondarja Privata għall-Bniet f'Għawdex

*Dun Eddie Zammit jintervista lil Mons.Karm Gauci, Kap u Direttur tal-Iskola Ġdida fil-Konservatorju tal Isqof*




***Għalkemm l-iskola tal-Konservatorju ta' l-Isqof illum qed tissemma aktar, fil-fatt ilha mwaqqfa diversi snin. X'tagħrif storiku tista tagħtina dwar din l-iskola?***

Il-*Concise English Dictionary* ifisser li "*Conservatory*" huwa "*a store house; a greenhouse or place in which exotic plants are kept; a school of music.*" Ma nafx jekk dan il-lokal issemmiex konservatorju għax kien intenzjonat bħala post protett għat-tfal jew għax kien hemm enfasi fuq il-mużika. Ġużè Aquilina fil-*Maltese-English Dictionary Vol.* 1. iġib li Konservatorju huwa "*a school of music; a convent school, a boarding house for orphans.*" Żgur li jissejjaħ "ta' l-Isqof" għax kien l-isqof tad-djoċesi li beda u ġab 'il quddiem din l-istituzzjoni b'risq it-tfal Għawdxin.

Fil-fatt, fl-1789, l-Isqof Vincenzo Labini offra l-flus għall-bini tal-Konservatorju li dak inhar kien imsemmi għal San Pietru u San Pawl biex jiġbor fih il-bniet orfni ta' Għawdex. Dawn it-tfajliet kienu jitgħalmu l-ħjata, il-bizzilla u r-rakkmu. F'xi knejjes f'Għawdex għad baqa bizzilel maħduma minn dawn it-tfajliet. Il-flus li kien jirnexxilhom iġemmgħu kienu jerfgħuhom għat-tieġ.

Fl-1880 L-Isqof Pietru Pace ħatar lis-sorijiet tal-Karita` ta' San Vinċenz de Paule biex imexxu din l-istituzzjoni. Dan l-isqof ukoll beda skola għall-edukazzjoni tat-tfajliet ġejjin minn familji sinjuri. Ma' dawn it-tfajliet sinjuri imbagħad kienu jiddaħħlu tfajliet foqra li kważi kienu jgħixu minn fuqhom. Din kienet l-ewwel skola sekondarja privata tal-bniet li qatt twaqqfet fil-gżira ta' Għawdex u kienet "*boarding*". Barra mis-suġġetti akkademiċi, it-tfal kienu jitgħalmu l-ħjata, it-tisjir u l-mużika. Hawnhekk irċevew l-edukazzjoni tagħhom t-tfajliet ta' l-aħjar familji Għawdxin u anki Maltin, imma din l-istituzzjoni kellha tieqaf bħala '*boarding*' fl-1966 biex titkompla bħala sekondarja sa l-1970, meta ġiet l-*education for all.* Wara tkompliet bħala *Kinder School* għaċ-ċkejknin biss.

***Meta reġgħet twaqqfet l-iskola primarja li għandna llum u min kienu dawk li ħadu r-responsabbilta` tat-tmexxija tagħha?***

Is-Sorijiet tal-Karita` dejjem kienu jieħdu ħsieb it-tfal iż-żgħar fil-Konservatorju. Fil-15 ta' Settembru 1988, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ħareġ il-liċenzja ta' Skola Privata għall-Konservatorju ta' l-Isqof li kellha bħala kap tagħha lil Sr. Rosa Antida Galea għal-livell Pre-Primarju. Lejn Ġunju ta' l-1995 kien hemm il-ħsieb li l-*kindergarten* tal-Konservatorju tingħalaq minħabba li s-Sorijiet tal-Karita` kienu ser jittrasferixxu ruħhom għal dar ġdida fil-Munxar. Xi ġenituri talbu lill-isqof Nikol Ġ. Cauchi biex ma jagħlaqhiex u fil-bidu tas-sena skolastika Mons. Isqof





ħatar lill-Kan. Ġiljan Refalo Rapa bħala kap ta' l Iskola. Fil fatt fl-10 ta' Novembru 1995 il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ħareġ il-liċenzja għal-livelli Pre-Primarja u Primarja f'isem il-Kap, il-Kan. Ġiljan Refalo Rapa. F'Mejju tas-sena 2000, Mons. Isqof Nikol Cauchi ħatar lili Mons. Carmelo Gauci, li kont għalliem fil-Lyceum, bħala l-kap il-ġdid ta' l-iskola tal-Konservatorju. Wara talba li saret lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni biex joħroġ permess biex tinbeda skola sekondarja tal-bniet, fis-27 ta' Lulju 2001 dan ħareġ il-liċenzja għall-istess Skola tal-Konservatorju ta' l-Isqof għal-livelli Pre-Primarja, Primarja u Sekondarja. F'Ottubru li għadda bdejna b'żewġ klassijiet tal-Form 1, li ġew imsemmija għal Santa Giovanna Antida Thouret u għal Santa Maria Goretti.

***Għaliex il-Knisja f'Għawdex ħasset il-ħtieġa ta' skola oħra tagħha?***
F'Għawdex, fil-livell sekondarju, is-subien għandhom il-possibilta` li jmorru l-Lyceum, is-Seminarju jew xi skola tas-snajja. Il-bniet s'issa kellhom biss il-possibilta` li jmorru fl-iskola governattiva; Gian Frangisk Agius de Soldanis, li dan l-aħħar kienet tiġbor fiha aktar minn ħdax-il mitt studenta. Għalhekk ħafna ġenituri insistew biex il-Knisja f'Għawdex tiftaħ skola sekondarja tal-bniet, biex tal-anqas il-bniet f'Għawdex ikollhom għażla oħra.

***X'rispons kien hemm mill-Għawdxin quddiem dan il-proġett tal-Knisja?***
Tifhem li xi ħaġa ġdida dejjem tibda bil-mod, u dak li jkun ikun ftit ħosbien għax ma jkunx jaf kif ser jiżviluppaw l-affarijiet. Imma, kollox ma kollox naħseb li r-rispons kien sodisfaċenti. L-involviment tal-ġenituri u t-tħabrik kotran u disinteressat tal-kunsill ta' l-iskola huma ta' inkoraġġiment kbir.

***X'tibdil strutturali sar fil-bini tal-Konservatorju biex jiġu moqdija l-esiġenzi li skola moderna titlob?***



L-iskola tal-Konservatorju żdiedet klassi kull sena mill-1994 lil hawn. S'issa kellna tmien klassijiet, mill-*Pre-Kinder* sal-*Year 6*. Barra li ġew irranġati l-klassijiet eżistenti biex ikunu mdawla u spazjużi, inbnew sulari oħra biex jakkomodaw l-istudenti tal-Forms. Ingħatat importanza lill-*grounds* għal-logħob, lil-laboratorji kemm tal-kompjuter kif ukoll tax-xjenzi u lill-faċilitajiet għal tfal bi bżonnijiet speċjali. Issa li aktarx jikber in-numru tat-tfal tas-sekondarja, beħsiebna nżidu l-klassijiet. Dan nistgħu nagħmluh bil-għajnuna li kontinwament nirċievu mill-Kurja ta' l-Isqof u mill-ġenituri.



***Dan l-aħħar ġiet inawgurata l-iskola sekondarja fi ħdan l-istess kumpless. Kif tħarsu lejn dan il-fatt?***

Fl-4 ta' Diċembru 2002 saret l-inawgurazzjoni tal-livell sekondarju tal-bniet fil-Konservatorju ta' l-Isqof. Sar programm speċjali fis-sala ta' l-iskola li kien jinkludi quddiesa minn Mons. Isqof Nikol Cauchi, daqq, kant u żfin fuq il-palk, diskorsi u kxif ta' lapida kommemorattiva mill-Ministru għal Għawdex, l-Onorevoli Giovanna Debono. Naħseb li dan huwa pass pożittiv mhux biss għall-Knisja imma wkoll għall-edukazzjoni f'Għawdex. Dan huwa mument ta' ġieħ u bidu ta' vjaġġ twil quddiemna.







***Tara xi ħtieġa partikulari li l-Knisja tkompli tinvesti fl-iskejjel tagħha? Kif iħarsu l-ġenituri tat-tfal lejn l-iskola tal-Konservatorju?***

Il-Knisja f'Għawdex tinvesti f'diversi proġetti għall-promozzjoni tal-bniedem. Biżżejjed insemmu l-anzjani, dawk bi bżonnijiet speċjali, iż-żgħażagħ, it-tagħlim tad-duttrina, etċ. Naħseb li kien għaqli min-naħa tal-Knisja f'Għawdex li tinvesti wkoll fl-edukazzjoni u fil-formazzjoni ta' l-istudenti bniet. Dan huwa investiment ta' sagrifiċċji kbar flimkien ma' eluf kbar ta' liri, imma naħseb li għad jissarraf f'ġenerazzjoni li tapprezza aktar il-valuri nsara. Naħseb li l-ġenituri diġa bdew jifhmu u japprezzaw dak li qed isir għal uliedhom.

***X'futur tara għall-Konservatorju?***

Il-Konservatorju ta' l-Isqof qed imidd l-ewwel passi tiegħu f'dan is-settur edukattiv tant meħtieġ f'Għawdex. Nixtiequ li kemm l-għalliema kif ukoll it-tfal jiġu l-iskola għal qalbhom. Qed naħdmu biex fl-iskola jkun hawn ambjent san, familjari u pjaċevoli bla ma jitnaqqru s-serjeta` u l-kompetenza. Il-qafas huwa l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali u t-tagħlim soċjali tal-Knisja. Il-Konservatorju ta' l-Isqof jaf ikun ambjent fejn jissawwar il-bniedem sħiħ nisrani li jiffjorixxi fil-familji, fil-Knisja u fis-soċjeta` ta' għada. Dan hu l-iskop u l-missjoni ewlenija ta' din l-ewwel skola sekondarja privata li l-Knisja Għawdxija qed tipprovdi għall-istudenti tfajliet għawdxin. Nawgurawlhom kull suċċess fil-preżent u għall-futur tagħhom.

富华
Fu Hua
Oriental Restaurant
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo - Malta.
Tel. 2156 4666
Mob. 9942 9174, 99806195

GREZZJU BONELLO
Over 10 years of experience...
Water Proofing Services
for roofs, walls, under tiles and under counter roof
"GrezJos" Filfla Street, Għajnsielem, Gozo
Tel: 21 557694



# IL-ĦIDMA PASTORALI FOST IŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN

## Kemm qed tingħatalha l-prijorità li jistħoqqilha?



***Rapport u Kummenti tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ***

*Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ bdiet is-sena pastorali l-ġdida b'uffiċċju ġdid, b'ħafna entużjażmu u b'kalendarju mimli ta' ħidma pastorali maż-żgħażagħ tad-djoċesi tagħna.*

### *Seminar Annwali għall-Youth Ministers*
(Grand Hotel, Għajnsielem - 22 ta' Settembru 2002)





Qed naħdmu biex is-seminar annwali li bih niftħu sena pastorali ġdida jidħol fil-kalendarju ta' dawk kollha li huma nvoluti fil-pastorali ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, kemm fil-parroċċi kif ukoll fl-Għaqdiet u Movimenti ekkleżjali. F'dawn l-aħħar sentejn tajnih xejra ġdida, u qed norganizzaw nofs ta' nhar flimkien f'lukanda. Jidher li l-proposta qed tintlaqa' tajjeb.

Din is-sena kkonċentrajna s-seminar fuq il-ħidma pastorali ma' l-adolexxenti u żgħażagħ li attwalment qed issir fid-djoċesi tagħna. B'dan il-mod ridna naqsmu flimkien l-esperjenzi ta' tant *youth ministers* biex, barra t-tgergir u l-kritika li spiss nisimgħu għax "qatt ma jsir xejn" (!), insiru nafu aħjar il-varjeta` tal-ħidma u tal-ministeri. Ippruvajna nieħdu *sample* tal-ħidma diversa billi nistiednu diversi kelliema li huma mpenjati f'oqsma differenti fid-djoċesi. Hekk, per eżempju, kellna uħud li tkellmu dwar il-ħidma fil-parroċċi (Munxar, Qala, San Ġorġ), fl-Għaqdiet u fil-Movimenti ekkleżjali (Leġjun ta' Marija, MUSEUM subien u bniet, Azzjoni Kattolika, Mixja Neo-Katekumenali, Grupp Ġublew 2000), Ċentri (Xagħra, Nażżarenu, Sorijiet Sależjani), Gruppi jew Movimenti oħra (Grupp Agape, Victoria Scout Group). Il-kelliema kienu diversi: kappillan, adulti, reliġjużi, katekisti, ġenituri, saċerdoti, żgħażagħ: dak li kien komuni bejniethom hu l-fatt li lkoll huma mpenjati f'ħidma pastorali ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

Minn esperjenzi bħal dawn, wieħed jinnota x'għana ta' varjeta` ta' ħidma ssir fid-djoċesi, anke jekk din il-ħidma spiss hi moħbija u ndirizzata lejn gruppi żgħar. Wieħed irid japprezza wkoll kemm hawn persuni li huma ddedikati f'ħidma simili. Wieħed jinduna li fejn hemm persuni dedikati, kemm fil-parroċċi, fiċ-ċentri u fl-għaqdiet, il-ħidma pastorali ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, anke jekk mogħnija b'tant diffikultajiet, mhix nieqsa.

Meta l-ħidma pastorali tkun organizzata, koordinata u strutturata, u ssib l-appoġġ u l-koperazzjoni tal-kappillani u ta' l-istrutturi parrokkjali, allura xi frott pastorali joħroġ żgur. Sfortunatament, irridu nżidu li għal dan is-seminar kien hemm diversi parroċċi li ma pparteċipawx.

Għas-seminar attenda wkoll Mons. Isqof Cauchi, li mexxa konċelebrazzjoni għall-parteċipanti tas-*seminar*.

## *"Gozo for Albania"*
(Oratorju Don Bosco - 13 ta' Ottubru 2002)



Dan kien l-isem ta' kunċert organizzat mill-KDŻ u mill-Fond Albanija biex jinġabru fondi b'risq il-ħidma missjunarja li qed iwettaq Dun Manwel Cutajar fl-Albanija. Kien jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' numru sabiħ ta' tfal u żgħażagħ (b'kollox madwar 100), fil-parti l-kbira membri ta' korijiet mill-parroċċi ta' l-Għarb, Qala, Xagħra u Żebbuġ. Barra l-korijiet tat-tfal u taż-żgħażagħ, kellna l-parteċipazzjoni sabiħa ta' diversi kantanti Għawdxin: Adelina Attard, Pamela Bezzina, Lourdes Buttigieg, Roberta Cassar, Mariella Spiteri, Teddy Zammit u Ylenia Caruana. Lill-korijiet, lill-kantanti, lid-direzzjoni ta' l-Oratorju Don Bosco u lil diversi oħrajn li għenuna nroddulhom ħajr mill-qalb.

Mill-aspett organizzattiv, il-kunċert nistgħu nqisuh li kien riżultat tajjeb. Mhux daqshekk tajba kienet il-parteċipazzjoni tal-pubbliku. Ħsibna li bis-sehem ta' tant tfal, almenu l-ġenituri tagħhom kienu se jipparteċipaw, imma morna żmerċ. Kieku għamilna kompetizzjoni bejn il-korijiet, is-sala kienet timtela!

Minkejja l-parteċipazzjoni pjuttost fqira, b'kollox inġabret is-somma totali ta' Lm340, li ngħatat lill-Fond Albanija. Grazzi wkoll lill-isponsors ta' dan il-kunċert: il-Ministeru għal Għawdex, APS Bank, Bank of Valletta p.l.c., u Roma Shopping Complex. Grazzi wkoll lil persuna anonima li għamlet offerta sabiħa għal dan il-għan.

## *Żewġ kunċerti mis-"Celebrant Singers"*



Għal min mhux midħla tal-ġeneru mużikali reliġjuż, dan il-grupp ta' kantanti mill-USA ma jgħid xejn. Għal dawk li pparteċipaw f'dawn il-kunċerti, żgur li kienet esperjenza mużikali u reliġjuża sabiħa ferm.

Is-*Celebrant Singers* hu grupp ta' kantanti żgħażagħ u koppji miżżewġin li joffru numru ta' snin biex, mingħajr ebda qliegħ ta'flus, iduru madwar id-dinja jaqsmu l-esperjenza tal-fidi nisranija permezz tal-kant. L-ewwel kunċert sar fil-knisja parrokkjali tal-Qala (22 ta' Ottubru); imbagħad sar kunċert ieħor fl-iskola post-sekondarja Sir M.A. Refalo għall-istudenti ta' din l-iskola. Għalkemm il-mużika tas-Sibt filgħaxija hi ftit differenti minn din il-kwalita` ta' mużika (!), il-grupp sabiħ ta' studenti u persuni oħra li pparteċipaw għal dawn il-kunċerti baqgħu mpressjonati b'dawn il-kantanti u bil-mużika tagħhom. Fil-jiem ta' wara l-kunċert fl-iskola, tkellimt ma' diversi studenti, u lkoll kellhom tifkira sabiħa ta' dan l-avveniment.



Ma tkunx idea ħażina kieku f'pajjiżna nippruvaw inqajmu ftit mużika reliġjuża ta' din il-kwalita`. Tista' tkun metodu ġdid ta' pastorali fost iż-żgħażagħ. Il-KDŻ għal dawn l-aħħar snin għamlet sforz mhux żgħir biex, fl-okkażjoni tal-festa ta' Kristu Re, ta'kull sena toħroġ sett ta' innijiet ġodda li jistgħu joffru repertorju ġdid ta' kant kemm għall-quddies u il-laqgħat ta' talb maż-żgħażagħ, kif ukoll għal-liturġija fil-parroċċi. Anke f'dan ir-rigward, pero`, nindunaw li ftit hemm ħeġġa biex il-liturġija nagħnuha b'innijiet ġodda li jistgħu jitkantaw mhux biss mill-korijiet imma wkoll, u fuq kollox, mill-ġemgħa liturġika.

Il-kunċerti tas-*Celebrant Singers* f'Għawdex saru fuq inizjattiva u bl-għajnuna tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ ta' Malta.

## Live-in għaż-Żgħażagħ li ma sarx!

Mill-1998 'l hawn, ta' kull sena il-KDŻ torganizza *live-in weekend* għall-*youth ministers* biex, permezz ta' studju tal-personalita` u ta' *social & life skills*, tgħinhom u tippreparahom għall-ħidma pastorali maż-żgħażagħ. Għal dawn il-*weekends* ġieli tlabna l-għajnuna tal-KDŻ ta' Malta u tas-*Salesian Pastoral Youth Service* (SPYS).

Minn sena għal oħra, il-*weekend* beda jkun indirizzat ukoll għal dawk iż-żgħażagħ li xtaqu esperjenza pastorali ġdida. Wara ħames snin ta' esperjenzi ferm sbieħ, din is-sena ma rnexxilniex niġbru grupp kbir biżżejjed biex inkunu nistgħu norganizzaw dan il-*live-in*. L-akbar dispjaċir tagħna kien li ddeludejna xi ftit grupp ta' żgħażagħ studenti fl-iskola Sir M.A. Refalo li kienu nkitbu b'ħafna entużjażmu għal dan il-*weekend*. Nittama li jkollna l-opportunita` li lil dawn u żgħażagħ oħra noffrulhom opportunitajiet simili organizzati aħjar.

Mill-banda l-oħra, tieħu gost tara li xi parroċċi qed jagħmlu sforzi mhux żgħar biex jorganizzaw dawn il-*live-ins* għall-adolexxenti u għaż-żgħażagħ fuq livell parrokkjali. Esperjenzi bħal dawn ta' min jinkuraġġihom. Il-KDŻ tista' tkun ta' għajnuna għal dawk il-parroċċi li jixtiequ jorganizzaw esperjenzi pastorali bħal dawn.

## Il-festa ta' Kristu Re



Iċ-ċelebrazzjoni djoċesana tal-festa ta' Kristu Re hi waħda mill-aktar mumenti importanti fil-kalendarju tad-djoċesi, u ġġib fit-tmiem il-ħidma ta' sena pastorali djoċesana. Flimkien mal-KDAL, il-KDŻ tinvesti ħafna enerġija fl-organizzazzjoni ta' din iċ-ċelebrazzjoni, li tilħaq il-qofol tagħha fiċ-ċelebrazzjoni li ssir fil-Kumpless Sportiv ta' Għawdex.

Din is-sena nħoss li ċ-ċelebrazzjoni kienet ftit aktar fqira mis-soltu, kemm mil-lat organizzattiv kif ukoll mill-parteċipazzjoni tal-poplu, minkejja li hi manifestazzjoni li fiha jieħdu sehem ħafna nies. Smajna diversi kummenti negattivi minn persuni li kienu preżenti għaċ-ċelebrazzjoni. Hemm bżonn li l-organizzaturi ta' din iċ-ċelebrazzjoni hekk importanti jsibu enerġija u ideat ġodda, biex l-isforz pastorali jħalli l-frott mixtieq.



Anke l-quddiesa għaż-żgħażagħ li organizzajna fil-knisja parrokkjali tal-Munxar, is-Sibt 23 ta' Novembru, ma laħqitx ir-riżultat mixtieq. Minkejja l-avviżi, il-*posters*, il-kuntatti u l-inviti personali, il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, b'differenza mis-sentejn ta' qabel, kienet fqira ħafna.

L-aħjar attivita` li organizzajna kienet il-laqgħa ta' talb għall-istudenti ta' l-iskejjel sekondarji, li saret fiċ-Ċentru ta' Kana, nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2002. Kellna l-parteċipazzjoni tal-*beat group* u tal-kor taż-żgħażagħ mill-parroċċa ta' San Ġorġ, u grupp ta' ballerini mill-Iskola tad-Drama tan-Nadur. Il-parteċpazzjoni kienet tajba ħafna, grazzi wkoll għall-preżenza tas-seminaristi u ta' xi katekisti membri ta' l-Għaqdiet li akkumpanjaw il-gruppi tagħhom. Fatt determinanti fl-organizzazzjoni tal-laqgħa għall-istudenti kien it-twaqqif ta' sotto-kumitat fi ħdan il-KDŻ, iffurmati minn ħames żgħażagħ bejn il-15 u s-17-il sena, biex jipprogramma u jwettaq ħidma pastorali djoċesana ma' l-adolexxenti.

Meta l-*Youth Ministers* tal-parroċċi jew ta' l-Għaqdiet jinvolvu ruħhom personalment f'attivitajiet djoċesani, hemm aktar ċans li l-adolexxenti u ż-żgħażagħ jipparteċipaw f'dawn l-inizjattivi. Bil-maqlub, meta l-attivitajiet djoċesani ma jqanqlux l-interess ta' min imexxi l-pastorali fil-parroċċi u fil-gruppi, allura jsir ferm diffiċli li l-pastorali fuq livell djoċesan tilħaq l-iskop tagħha. Ħaġa li nnutajna f'dawn l-attivitajiet hi kemm il-metodi ta' komunikazzjoni tagħna mal-poplu, fosthom il-*posters* u l-avviżi twal waqt il-quddies tal-Ħadd, mhux qed jilħqu lill-poplu tagħna. Għal pastorali dejjem aktar effikaċi u li tirrifletti l-ħajja tal-lum huma meħtieġa ħaddiema ġenerużi, metodi dejjem ġodda u lingwaġġ konkret li bih nikkomunikaw l-inizjattivi pastorali tagħna lill-poplu. Ħafna ma jħarsux lejn *notice board* u ma jagħtux każ ta' l-avviżi għax "ikunu mgħaġġlin"! Numru kbir ta' nsara niltaqgħu magħhom biss nhar ta' Ħadd: lista ta' aħbarijiet u avviżi - xi drabi ma tintemm qatt! - fi tmiem il-quddiesa mhix l-aħjar metodu.

Inroddu ħajr lid-Direzzjoni tal-Kumpless Sportiv għad-disponibilta` u l-għajnuna tagħhom, u lill-Ministeru għal Għawdex li b'inizjattiva tiegħu stajna norganizzaw il-manifestazzjoni ta' Kristu Re fil-Kumpless Sportiv. Grazzi wkoll lill-Victoria Scout Group li ta' kull sena joffru l-preżenza u l-għajnuna tagħhom.

(ikompli f'paġna 39)

# *Waslet is-sena 2003!*

## *Erġa ġedded l-abbonament tiegħek fir-rivista*

# IL-ĦAJJA f'Għawdex




## Il-leħen ta' l-Għawdxin!

***10 ħarġiet fis-sena, b'56 paġna dwar:***

- **Il-ħidma tal-Knisja f'Għawdex**
- **Aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti tal-ħajja għawdxija**
- **Kummenti fuq il-ħajja reliġjuża, soċjali, u kulturali**
- **Intervisti ma' persuni Għawdxin u esperjenzi attwali**
- **Artikli ta' natura reliġjuża u tagħrif meħtieġ għall-ħajja**
- **Storja u Folklor tal-gżira tat-Tliet Għoljiet**
- **Sports u Sportivi Għawdxin**
- **L-aħjar mod biex tirreklama fost 6000 qarrejja regolari**

Ġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2003, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla' din il-formola u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew *money order* ta' Lm3 jew Lm5 lill-
*Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",*
*Lumen Christi Media Centre,*
*Triq Fortunato Mizzi, Victoria VCT111,*
*Għawdex.*

---

Isem ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________

*Nixtieq* ☐ *Nabbona* ☐ *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2003*

☐ *Lm 3 Abbonament Regolari*

☐ *Lm 5 Abbonament Sostenitur* FIRMA ______________

2003 - SENA TAD-DJAKONIJA



# NAQDU LIL

## 1. Meditazzjoni

Naduraw lil Kristu mħabbar mill-profeti taħt it-titlu:
**'Il-Qaddej ta' Jahwe'**

- L-ewwel kelma tiegħu, fil-miġja tiegħu f'din id-dinja kienet : "*Hawn jien ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek*" (Lhud 10.9)
- Aktar tard Ġesù qal : "*Hekk ukoll Bin il-Bniedem. Hu ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra*" (Mk. 10.45)
- Il-karatteristika ewlenija ta' Kristu: "*Ir-Re tar-Rejjiet*", "*is-Sid tal-Univers*", "*il-Kbir*", "*il-Għoli*", imma fuq kollox hija din: "*Jiena Qaddej*" "*Jien qiegħed f'nofskom nagħmilha ta' qaddej*" (Lq 22.27)
  "*Jiena ma nfittix il-glorja tiegħi iżda tal-Missier li bagħatni*" (Ġw 8.50)

### Talba

*Mulej Ġesù li ġejt fostna mhux biex tkun moqdi iżda biex taqdi:*

- *Għallimni naqdik fil-bnedmin ta' madwari kif tixtieqni int.*
- *Biegħdni minn kull egoiżmu u minn kull tfittxija tiegħi innifsi.*
- *Żomm lil qalbi distakkata minn kull suppervja u kburija.*
- *Agħtini l-grazzja li qatt ma niftaħar bil-ġid li nagħmel, qisni għamiltu jien waħdi u bil-ħila tiegħi.*
- *Imlieni bl-Ispirtu tiegħek, bl-imħabba tiegħek. Amen.*

## 2. Xi kwalità ta' Qadi u Servizz? X'jitlob minna Kristu?

Fil-parabboli Kristu sikwit jirreferi għall-qaddej li jrid jaqdi lil Sidu. Minnhom nistgħu naraw x'servizz is-Sid jippretendi mill-qaddej:

1. **Servizz Umli:**
   Quddiem Alla ma tgħoddx l-apparenza, iżda aktar l-opri moħbija magħmulin fis-skiet.
2. **Servizz bil-fatti:**
   "*Mhux kull min jgħidli 'Mulej, Mulej' jidħol fis-saltna tas-sema, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri*" (Mt 7.21).
3. **Servizz bir-reqqa:**
   Il-qaddej irid ikun dejjem lest u jishar, jistenna lil Sidu ġej, f'siegħa li ma jobsoriex.
4. **Servizz diżinteressat:**
   Jiġifieri bil-qalb, għall-imħabba tiegħu, u mhux għall-qliegħ jew xi interess personali ieħor.
5. **Servizz bla tlaqlieq:**
   Ma jħarisx lura, ma jerġax jibdielu. "*Min iqiegħed idu fuq il-moħriet u jħares lura m'huwiex tajjeb għas-saltna t'Alla*" (Lq 9.62).
6. **Servizz ta' mħabba:**
   Mhux qisna bil-fors jew fuq qalbna bħal min hu mikri, iżda naqdu għax inħobbu tassew.
7. **Servizz magħmul bil-ferħ:**
   S.Pawl: "Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ" (2 Kor 9.7). Il-qaddisin juruna kif.



**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**

# KRISTU FL-OĦRAJN

***Ħsibijiet ta' Don Gaston Courtois***

## 3. Mill-Vanġelu ta' San Ġwann, wara l-Ħasil tar-Riġlejn. (Ġw 13.12)

*"Tafu x'għamiltilkom? Intom issejħuli Mgħallem u l-Mulej, u tgħidu sewwa għax hekk jien. Mela jekk jien, il-Mulej u l-Imgħallem, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin. Għax jien tajtkom l-eżempju, biex kif għamlit jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll".*



### Isma lil Kristu Jkellmek

Ibni, binti,

* Għandi bżonnok, għandi bżonn tal-ħidma tiegħek, tat-talb tiegħek, taċ-ċaħdiet tiegħek u tal-ferħ tiegħek.
* Agħtini ħajtek kollha, għandi bżonn ta' dirgħajk, ta' qalbek, biex insalvaw l-erwieħ.
* Ħadd ma jista jieħu postok. Ħadd ma jista jagħmel ix-xogħol tiegħek. Dak li stajt tagħmel int u ma għamiltux, ma jsir qatt.
* Ħadd ma għaraf jaqdini sew aktar minn Ommi. Hi kienet u tibqa dejjem "il-qaddejja tal-Mulej". B'kull ħsieb tagħha, b'kull att tagħha hi kkoperat fil-fidwa tal-bnedmin. Qatt ma fettxet l-interessi tagħha. Qatt ma kienet egoista. Dejjem tat lilha nfisha , offriet lilha nfisha Lili ... Agħmel bħalha...
* Ħallini nużak kif nixtieq jien. Kun doċli lejja. Jien ma nifgax l-inizjattivi tiegħek, sakemm dawn ikunu ispirati mill-imħabba lejja.
* Kull ħidma tiswa, kull inizjattiva tiswa, sakemm tkun magħmula b'intenzjoni retta.

## 4. Mit-teorija għall-prattika

Ħidmiet ta' Djakonija (kif imsemmija fil-Pjan Pastorali għal din is-sena):



- Adozzjoni; att kbir ta' karità.
- It-Tfal fl-Istituti.
- Diversi tipi ta' faqar modern:
  - diżabilità fiżika jew mentali;
  - problemi familjari;
  - id-*depression*, is-solitudni;
  - id-dipendenza mill-alkohol, droga u logħob;
  - il-mard;
  - l-analfabetiżmu;
  - il-problema tad-djar, tan-nuqqas ta' paga;
  - vjolenza fiżika jew morali... eċċ.
- Għajnuna lir-rifuġjati.
- Għażla preferenzjali tal-Knisja favur il-foqra.
- Kura ta' l-anzjani,
- ta' l-ommijiet mhux miżżewġa,
- tal-foqra, morda u familji li qed ibatu bil-firda,
- tal-familji numerużi fil-bżonn.
- Kura tas-saċerdoti anzjani jew morda.
- Donazzjoni ta' l-organi u tad-demm
- Ħtieġa ta' voluntiera. *(Ara il-Pjan Pastorali Kwinkwennali tad-Djoċesi ta' Għawdex 2001-05).*



BOOKMARK

# *Ktieb Ġdid b'Avventura għat-Tfal*

***Pierre J.Mejlak, "Meta Nstabu l-Anġli", Merlin Library, 2002, Gutenberg Press, Malta; pp.99; Lm2***




*Iż-żagħżugħ Naduri Pierre J. Mejlak ikkonferma t-talent tiegħu fil-qasam tal-kitba għat-tfal billi tana t-tieni ktieb "Meta Nstabu l-Anġli". L-ewwel ktieb tiegħu kien "Trab Abjad" (1999). Barra dan l-ewwel ktieb, Pierre J. Mejlak ippubblika ktieb ieħor jismu "L-Istorja tal-P.N. f'Għawdex". Fil-preżent Pierre huwa student fil-kors tal-B.Comunications (Hons) fl-Universita` ta' Malta u jaħdem part-time ma' Radju Calypso u Campus FM. Pierre huwa attiv ħafna fuq l-Internet u jieħu ħsieb diversi web-sites fosthom june29th.com, li hija s-sit ta' l-Għaqda tal-Festa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur Għawdex u fiha wieħed isib dak kollu li għandu x'jaqsam man-Nadur.*

*Il-pinna ta' Pierre hija mexxejja u ferm adattata għat-tfal. Għalkemm il-kotba tat-tfal mhumiex għat-tfal biss, Pierre joqgħod attent biex juża lingwaġġ li jiftiehem mit-tfal. Huwa jżomm id-djalogi qosra u mingħajr elementi letterarji żejda. Biex jgħin lill-qarrejja żgħar u fl-istess ħin jagħmel il-ktieb attraenti, l-awtur qabbad lill-artista Greta Borg Carbott biex tagħmillu numru ta' tpinġijiet bil-kulur li juru waqtiet mir-rakkont. Dan huwa element importanti f'kotba tat-tfal u Pierre sfrutta dan l-element tajjeb. Minkejja dan, id-deskrizzjonijiet m'humiex neqsin minn dettalji li jagħmlu l-avventura iktar reali. L-istorja hija waħda skond l-istil tal-kotba tant popolari ta' Enid Blyton. B'danakollu l-ambjent, it-tradizzjonijiet, l-attitudnijiet u l-karattri huma kollha Maltin. L-avventuri li jgħaddu minnhom erbat' itfal ħbieb li jagħmluha ta' detektifs u li jżommu lill-qarrej kurjuż matul il-ktieb kollu. Ir-rakkont iqajjimlek il-kurżita` u ma jkollokx aptit terħi l-ktieb min idejk. Għalkemm ma għadnix tfal ħadt gost naqra l-ġrajja ta' l-anġli!*

*Pierre jistqarr li kien ispirat minn Trevor Zahra li bla dubju huwa l-aqwa awtur ta' kotba għat-tfal b'mod partikulari f'dan il-qasam tal-letteratura Maltija, u biex ngħidu hekk Pierre huwa frott minn din il-ħidma ta' Zahra. Nawguraw li awturi oħra żgħażagħ jitħajru minn Pierre u jitrawmu wkoll f'din it-tip ta' letteratura. It-tfal tal-lum għandhom iħossuhom fortunati li jsibu tant kotba bil-Malti addattati għalihom.*

*L-aspett kummerċjali tal-kotba għat-tfal ma jonqosx. Ħafna minnhom għandhom stampi sbieħ, preżentazzjoni tajba, teknika u tip ta' karta mill-aqwa. Hawn ta' min jgħid li tajjeb ukoll jekk nibdew nużaw karta riċiklata għall-kotba tat-tfal biex lit-tfal indarruhom ukoll ikollhom mentalita` favur l-ambjent. Apparti dan, il-kotba xorta jibqgħu attraenti u jħajru lit-tfal biex jaqrawhom. Wara kollox nafu li l-ewwel ma tiekol hija l-għajn!*

*Il-ktieb "Meta Nstabu l-Anġli" għandu preżentazzjoni u stampar mill-aqwa. Iktar importanti huma l-kwalitajiet letterarji li biex wieħed japprezzahom irid jaqra l-ktieb kollu. Għalkemm tfal ċerti aspetti letterarji ma tantx jagħtu kashom, xorta jibqa l-fatt li jekk ktieb ikun fih ċerti żbalji jew nuqqasijiet dawn ikunu ta' ħsara għat-tfal, għax il-moħħ tagħhom bħal sponża jixrob ukoll l-iżbalji. Pierre Mejlak huwa mħarreġ tajjeb fl-ilsien Malti u l-kitba tiegħu hija idjomatika, u l-Malti huwa mħaddem tajjeb. Il-ktieb huwa ħieles minn żbalji ortografiċi, grazzi għax-xogħol tajjeb tal-qari tal-provi li għamel Pietru Pawl Vella. Dan it-tielet ktieb ta' Pierre Mejlak jawgura tajjeb għal dan l-awtur żagħżugħ li ċertament 'il quddiem ser naraw iktar xogħlijiet tiegħu. Il-ktieb "Meta Nstabu l-Anġli" huwa pubblikazzjoni ta' Merlin Library u jinxtara mingħand il-librara ewlenin.*

***Dr. Mario Saliba M.D.***

John Portelli Ent. Ltd.
IATA
ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36

Arkivju Nazzjonali Għawdex

# Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -111

Riċerka ta' Joseph Bezzina

©2003

# IL-BHEJJEM TAL-QATLA

Għat-tnax-il sena konsekuttiva qegħdin noffru lill-qarrejja ta' *Il-Ħajja f'Għawdex* ir-rubrika dwar Għawdex fil-qedem. Tul l-ewwel tmien snin ġibna dokumenti ta' 400 sena ilu, mid-disa' sena bdejna nġibu dokumenti ta' 300 sena ilu, għax ta' 400 sena ilu huma nieqsa. Se nkomplu għalhekk b'dawn ta' 300 sena ilu. Id-dokumenti huma bħas-snin ta'qabel meħudin mill-Acta ta' l-Universitas, il-Gvern Amministrattiv ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Hu ttamat li 'l quddiem dawn il-paġni jiġu stampati fi ktieb.

Id-dokument numru mija u ħdax li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu Bandu dwar il-bhejjem tal-qatla. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1702–1703), folju 21r-v (NAG, UG, Acta, 9/1701–1702, f. 21r-v).

*Item che li macellari non possono vendere nessuna sorte di carne nel macello o altrove, ne ammazzare verun animale, se prima non sarà visto da noi infrascritti giurati, o dall'Accattapani sudetta Università e che lo vendono conforme gli sarà data meta sotto pena di tarì quindici applicandi come sopra e che siano obbligati ammazzzare carne di prima notte, e come nel partito s'obbligano.*

Dan il-Bandu, wieħed minn diversi li nħarġu għas-sena 1702–1703, jiġbor diversi regoli dwar il-qtil tal-bhejjem u l-bejgħ tal-laħam.

L-ewwel, il-biċċiera kienu obbligati li meta jieħdu bhima għall-qatla jsejħu wieħed mill-ġurati ta' l-Universitas jew lill-akkattapani, l-uffiċċjal tas-sanità responsabbli wkoll miż-żamma ta' l-indafa fis-suq, biex jikkontrolla l-bhima u jara hix tajba jew le għall-qatla. L-uffiċċjal ried fost l-oħrajn jaċċerta ruħu li l-bhima mhix marida. Laħam ta' bhejjem li ma kinux kontrollati la seta' jinbiegħ mill-biċċerija, u l-anqas f'postijiet oħra.

It-tieni, l-uffiċċjal kellu jikkontrolla l-bhima għal raġuni oħra, biex jinnota l-piż tagħha. Dan kellu jsir għax fuqu kienet titħallas taxxa lill-Universitas. Jiġifieri dak iż-żmien kien ġa jeżisti l-VAT, il-*value added tax*, fuq l-oġġetti ta' l-ikel.

It-tielet, il-bhejjem ma kellhomx jinqatlu għajr ma' dħul il-lejl ta' qabel il-jum li fih kien se jsir il-bejgħ tal-laħam. Fi żmien li ma kienx hawn possibiltà ta' preservazzjoni fi friża, il-bhejjem ma setgħux jinqatlu għajr ftit sigħat qabel il-bejgħ u t-tisjir għax inkella l-laħam kien jibda jinten.

Ir-raba', il-Bandu jordna li kellha tinqatel biss il-bhima skond il-patt jew ftehim li jkun sar minn qabel bejn dawk li jrabbu l-bhejjem u l-bejjiegħa tal-laħam. Dak iż-żmien il-laħam ta' bhima waħda aktarx kien iservi għal kulħadd. Ftit kienu n-nies li kellhom flus biex jagħmlu l-kapriċċ u jixtru l-laħam taċ-ċanga u l-majjal.

Min jikser xi waħda minn dawn ir-regoli seta' jeħel multa ta' ħmistax-il irbiegħi, 0.26 Ewro.



TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (13)



# L-Eżistenza t'Alla fit-tradizzjoni Ġudeo-Kristjana

(ikompli mill-ħarġa ta' Novembru 2002)

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

## *3. IN-NATURA U L-ATTRIBUTI TA' ALLA*

Permezz tar-Rivelazzjoni li kellhom il-Lhud ta' qabel Kristu, huma saru jafu mhux biss li Alla jeżisti, iżda wkoll għarfu diversi aspetti tan-natura tiegħu, jiġifieri tgħallmu dwar x'inhu Alla, kif ukoll x'inhuma dawk li nsejħulhom "l-attributi ta' Alla".

It-teoloġija tal-Lhud kienet wisq ogħla mill-mitoloġija tal-pagani għaliex il-kotba tar-Rabta l-Qadima, jgħidulna b'mod ċar li Alla huwa qawwi u setgħan, l-iktar għoli, dak li jmexxi d-dinja u li għandu l-anġli bħala qaddejja tiegħu, s-sebħ tiegħu eċċ, kif insibu fil-ktieb tas-Salmi, per eżempju fis-Salm 113.

Il-kotba tat-Testment il-Ġdid, lil Alla jiddeskrivuh bħala **Esseri personali, Missier, *Alfa* u *Omega*, bidu u tmiem ta' kollox, huwa l-istess imħabba**, imma mżejjen bl-istess attributi li diġa` kienu rivelati fir-Rabta l-Qadima.

Meta nitkellmu dwar in-natura ta' Alla, jiġifieri dwar x'inhu Alla, ngħidu li Alla huwa "spirtu pur" jiġifieri li għandu natura jew realta` għal kollox spiritwali u mingħajr ebda taħlit ma' materjalita`, kif ukoll li għandu l-milja tal-perfezzjoni.

In-natura ta' Alla hija sempliċi, jiġifieri fiha ma hemmx kompożizzjoni minn partijiet diversi, imma hu dak li għandu u għalhekk ma hemmx distinzjoni reali bejn l-attributi u l-essenza tiegħu, u l-attributi ma humiex magħżulin realment wieħed minn ieħor.

Madanakollu, it-teoloġi jikklassifikaw l-attributi jew perfezzjonijiet divini f'attributi "negattivi", li bihom nifhmu li f'Alla ma hemmx difetti jew nuqqasijiet, bħal meta ngħidu li Alla huwa infallibbli, jiġifieri neskludu minnu l-possibilita` ta' l-iżball, li hija imperfezzjoni jew difett. Hemm ukoll attributi msejħa "pożittivi" li jindikaw xi perfezzjoni jew kwalita` pożittiva li hemm f'Alla, bħal meta ngħidu "Alla huwa ġust": il-ġustizzja hija perfezzjoni.

Fit-teoloġija hemm ukoll distinzjoni bejn l-attributi "assoluti" u l-attributi "relativi." Jissejħu "assoluti" dawk li nagħtuhom lil Alla meta nikkonsidrawh fih innifsu, jiġifieri anke kieku ma kien hemm ħadd ħliefu, l-anqas l-iċken kreatura. Jissejħu "relativi" dawk l-attributi li nagħtuhom lil Alla meta nikkonsidrawh f'relazzjoni ma' esseri oħra, bhal meta ngħidu "Alla ħallieq," "Alla sid ta' kollox."

Ċerti attributi jissejħu "kwiexenzja" jew "statiċi", li jirrigwardaw lil Alla, bħal dak li jeżisti jew li għandhom x'jaqsmu ma' l-eżistenza tiegħu. Jissejħu "operativi" jew "attivi" dawk li jimplikaw l-attivita` ta' Alla bħal ma' huma l-ħolqien u l- providenza tiegħu.

## *L-isem ta' Alla: "Jahweh"*

Importanti ħafna l-fatt li Alla rrivela lilu nnifsu lil Iżrael, il-poplu tiegħu,l-ewwelnett billi għarrfu x'inhu l-isem tiegħu: "*Jahweh.*" L-isem ifisser l-essenza, l-identita` tal-persuna jiġifieri x'inhu u min hu Alla. Kif jgħidilna l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n. 206), bl-isem "***Jahweh***" - **'jien hu dak li hu'**, hu rivelat l-isem u fl-istess waqt qisu hemm ċaħda jew nuqqas ta' rivelazzjoni ta' l-isem u b'dan il-mod jesprimi aħjar dak li hu Alla, infinitament iktar 'il fuq minn kull ħaġa li nistgħu nifhmu jew ngħidu huwa "Alla moħbi," "ismu hu ineffabbli" (ma jistax jitfisser bil-kliem), iżda hu Alla li jersaq qrib lejn il-bnedmin (Iż. 45, 13). Kemm għar-Rabta l-Qadima kif ukoll għar-Rabta l-ġdida, rivelazzjoni fundamentali hija dik li Alla għamel lil Mose` meta deherlu f'siġra taqbad u rrivelalu ismu: "*Jahweh*" (Eżodu, 3, 14). Dan l-isem huwa misterjuż, kif Alla wkoll huwa misteru.

*Jahweh*, skond it-tradizzjoni ġudajka, mhux biss huwa Alla uniku ta' Iżrael u Iżrael il-poplu magħżul ta' *Jahweh*, iżda huwa wkoll Alla omnipotenti, qaddis, ġust u kollu ħniena u li għandu l-perfezzjonijiet kollha. Għan-nies ta Iżrael, *Jahweh* huwa preżenti u attiv, kull fejn isem *Jahweh* huwa magħruf, rikonoxxut u msejjaħ, l-isem ta "*Jahweh*" huwa glorjuż (Salm 72, lc), kbir (Slaten 8,42) tal-biża' (Dewt. 28, 58) eżaltat u mweġġaħ. Dwar it-tifsira eżatta ta' l-isem "*Jahweh*" mhux il-fissiera bibliċi kollha jaqblu bejniethom. Għal xi wħud ifisser "il-qawwa kreativa ta' Alla", jew "dak li fil-ġejjieni se jkun mal-poplu u jikkollabora miegħu". *Jahweh*



huwa għal kollox differenti mill-allat tal-ġnus (*Elohim*). *Jahweh* waħdu huwa l-Ħallieq, *Jahweh* waħdu dak li jirrivela, hu waħdu li jiddirieġi l-istorja u l-bnedmin, hu waħdu li jaqta' l-ħaqq u waħdu Alla ħaj, hu waħdu li jagħti l-ħajja, hu il "*Pantokrator*,"Alla Omnipotenti.

## *Kif naslu bir-raġuni biex nagħrfu x'inhu Alla?*

Skond it-teoloġija nisranija, f'din id-dinja lil Alla nagħrfuh indirettament u b'mod analoġiku permezz tal-kawżalita`, tar-rimozzjoni, u ta' l-eċċellenza jew eminenza.

Alla huwa magħruf mill-intelliġenza umana indirettament, jiġifieri mhux fih innifsu iżda fil-kreaturi u mill-kreaturi, jiġifieri t-tagħrif fuq Alla jibda mill-ħlejjaq li Huwa għamel. Nagħrfuh b'mod analogu, mhux b'mod univoku kif nagħrfu realitajiet oħra u kif jifhmu normalment il-bnedmin. L-anqas ma nagħrfuh b'mod ekwivoku, bħal meta ħaġa tista' tifhimha b'żewġ sensi jew iktar, għax il-mod ekwivoku joħloq konfużjoni u nuqqas ta' ftehim.

Fi kliem ieħor, **in-nozzjonijiet u l-ideat li għandna dwar Alla, li ksibna permezz tar-raġuni, ma jirrappreżentawx ir-realtà divina kif inhi fiha nfisha, iżda kif narawha aħna; ix-xbieha li nifformaw f'moħħna dwar Alla hija biss ħjiel jew xebh mar-realta` ta' Alla**.

Il-mezzi jew il-kriterji li bihom niksbu xi tagħrif dwar Alla, huma tlieta, l-kawżalita`, ir-remozzjoni jew tneħħija, u l-eminenza. (i) **Il-kawżalita`**: ladarba l-ħlejjaq jiddependu mill-ewwel kawża li ħalqithom mix-xejn, jeħtieġ bil-fors li jkun jeżisti xi xebh ma' Alla li għamilhom. Il-perfezzjonijiet li qegħdin fil-ħlejjaq jeħtieġ li nsibuhom ukoll fil-kawża tagħhom, jiġifieri f'Alla. (ii) **Il-kriterju tar-remozzjoni jew tneħħija** ta' imperfezzjonijiet: jiġifieri fil-waqt li fil-ħlejjaq hemm ħafna limitazzjonijiet u difetti, f'Alla ma nistgħu nammettu xejn minn dak li hu negattiv. (iii) **Bil-kriterju tal-eminenza jew eċċellenza**, li nistgħu ngħidulu wkoll ingrandiment ("*enlargement*"), nikkonkludu li l-perfezzjonijiet kollha li hemm f'Alla huma wisq ogħla, akbar u aħjar milli kif jinsabu fil-kreaturi, għaliex Alla huwa infinit u għalhekk hemm distanza infinita bejn il-perfezzjonijiet tiegħu u dawk tal-kreatura.

Skond id-Duttrina Kattolika kif imxandra fil-Konċilju Vatikan l-Ewwel, (Sessjoni III, kap 1, Denzinger-Banwart, 1782 ) f'Alla jinsabu diversi attributi infiniti. Difatti, dan il-Konċilju jgħidilna li l-Knisja Kattolika " temmen u tistqarr li jeżisti Alla, wieħed, veru u ħaj, Ħallieq u Sid tas-sema u l-art, omnipotenti, etern, immens, inkomprensibbli, infinit fl-intellett u fil-volontà u f'kull perfezzjoni. Peress li huwa sustanza waħda, unika u spiritwali, għal kollox sempliċi u ma jinbidilx, għandna nistqarruh bħala distint (magħżul) mid-dinja, fl-eżiztenza u fl-essenza tiegħu, hieni fih innifsu u minnu nnifsu, u b'mod ineffabbli, huwa ogħla u jittraxxendi minn dak kollu li jeżisti jew li huwa konċepibbli barra minnu innifsu."

(*jissokta*)




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tnax-il Parti )*

## *Is-Sajf u l-Għomma*

Meta x-xemx togħla 'l fuq fis-sema u tiġi kważi fuq rasna, u l-ġranet jitwalu, ix-xemx tibqa' tisreġ bla ħniena għal ħafna sigħat. Għalhekk l-art tisħon, l-arja ssir taħraq u jkollna sħana kbira. Sħana kbira, li ħafna drabi ddejjaqna, tissejjaħ għomma. Mhux ta' b'xejn insejħulha wkoll **sħana li taqtagħlek nifsek!** Lulju huwa **x-Xahar tal-Għomma,** imma mhux f'Lulju biss ikollna temp bħal dan. Ħafna drabi l-għomma tagħmel ukoll f'Awissu. L-ilma tal-baħar dejjem iżomm iktar frisk minn artijiet kbar jew mid-deżert fejn is-sħana tkun tremenda. Għalhekk fis-sajf in-nies tfittex il-baħar. Iżda meta jkun ***riħ isfel,*** l-arja sħuna tgħaddi minn fuq il-baħar, tiġbor il-fwar jew umdità mill-arja, u b'hekk is-sħana tinbidel f'għomma li ġġegħilna nixxarrbu bil-***għaraq.***

Billi s-sema jkun bla sħab, fis-sajf ix-xemx tibqa' *tiddi* l-ġurnata kollha. Għalhekk ngħidu **ix-xemx tisreġ** *jew* **ix-xemx tgħanni,** jiġifieri tisreġ bil-qawwi. Fis-sajf ir-riħ ħafna drabi jiġi fix-xejn u jkollna kalma sħiħa. Ġranet bil-kalma ngħidulhom **żmien il-klami** u fil-bnazzi ir-riħ ikun **riħ mitluf.** Meta jkollna ġurnata kalma bix-xemx tisreġ il-ħin kollu ngħidu **xemx taqli l-írieden,** jew **xemx taqli l-ankri,** inkella **xemx taqli l-klieb** jew **xemx taqli l-ftajjar.** Billi daż-żmien it-toroq tagħna għandhom lewn iswed dawn iktar isiru jaħarqu fis-sajf. Għalhekk għandna espressjoni oħra iżjed qawwija meta ngħidu, **xemx iddewweb l-ankri.**

Fis-sajf l-aktar riħ frisk hu l-Majjistral jew il-Punent. L-aktar riħ jaħraq huwa t-tramuntana għax jiġi dritt minn fuq Sqallija li, billi hi art kbira, tagħmel aktar sħana minn Malta. Iżda l-aktar riħ li jġib għomma hu r-riħ xlokk jew riħ ilvant għax dan jiġbor l-umdità u joħloq sħana kbira jew għomma. Il-għomma xi drabi tiġi bil-***waqgħat.*** Il-waqgħat tal-għomma jissejħu għamajjem (bl-Ingliż *heat waves*). Xi drabi f'Lulju u Awissu jagħmel ukoll ***l-eħtrieq*** (ħafna jaħsbuh "riħ triq!"). Xi jkun l-eħtrieq? Din il-kelma ġejja mill-verb ***ħtaraq,*** jiġifieri sar jaħraq ħafna. Mela **l-eħtrieq** hu riħ sħun ħafna li jonfoħ minn fuq id-deżert fis-sajf min-naħa tan-Nofs in-Nhar. In-nies tad-deżert isejħulu ***Riħ il-Ħamsin*** għax idum jonfoħ l-istess riħ għal ħamsin jum. Meta jagħmel l-eħtrieq l-uċuħ tar-raba' bħat-tadam, bettiħ u dulliegħ, qara' u frottijiet, tiġrilhom il-ħsara għax jinħarqu bix-xemx. L-eħtrieq il-bdiewa jsejħulu wkoll ***il-lupa*** għax jaħraq l-uċuħ. Biex il-bettiħ u d-dulliegħ, u l-qara' ma jinħarqux, il-bdiewa jieħdu ħsieb igħattuhom bil-***faxxina*** tagħhom stess, li tissejjaħ ukoll ***għerq.*** Mela ***l-għeruq*** tal-bżajra u tal-qara' huma z-zkuk u l-weraq li bihom il-bidwi jgħatti l-frott biex ma jinħarqx bix-xemx.

Fil-jiem tal-għomma, ta' l-eħtrieq jew ta' riħ il-ħamsin, m'għandniex noqogħdu fix-xemx għal ħin twil. Dan għax ix-xemx taħraq lilna wkoll. Min jinħaraq bix-xemx ngħidu ***ħaditu x-xemx*** jew ***ħarqitu x-xemx.*** Meta jiġri dan il-ġilda tiħmar, tibda taħarqek ħafna, tista' ttella' ***l-faqqigħat*** jew bżieżaq bl-ilma, li jinfaqgħu, u fl-aħħar titqaxxar. Jekk tiġik ħażina jista' jitlagħlek kankru tal-ġilda li jekk ma tiħux ħsiebu mill-ewwel jista' joqtlok! Min iqatta' ħinijiet twal fix-xemx jispiċċa bil-ġilda niexfa u mkemmxa u tgħidx kemm isir ikraħ. Biex nevitaw ix-xemx, l-aħjar li noqogħdu ġewwa jew għad-dell. Dari meta kienu joqogħdu għad-dell kienu jgħidu **noqogħdu għar-rwieħ.**

Fis-sħana u l-għomma, fix-xemx tisreġ dari l-bdiewa tagħna kienu jagħmlu qiegħa fuq l-andar biex jidirsu ż-żara', xogħol li ħafna drabi kien jieħu sajf sħiħ. U x-xemx kienu jilqgħulha billi jilbsu l-kpiepel tal-palm. Illum, għall-grazzja ta' Alla, kollox isir bil-magni, u l-bidwi, minkejja li dejjem jibqagħlu x'jagħmel, jeħles minn ħafna taħbit.

Għal ħafna ġranet fis-sajf is-sema jkun bla sħab xejn, bnazzi żejt, sema safi għal kollox. Jissejjaħ ukoll sema bla nikta, jiġifieri sema li ma fih ebda tebgħa ta' xi sħaba. Imma meta toqrob Santa Marija, jibda jkollna l-għarixa. L-għarixa tkun sħaba kbira li titnissel u tibker fuq l-art billi l-fwar ta' l-arja jitla' 'l fuq, hemm isib arja aktar kiesħa u jifforma bħal nida li fl-aħħar isir sħaba. Xi drabi din is-sħaba tant tikber li minnha tinżel xita qawwija. F'Għawdex din is-sħaba tissejjaħ ***is-Sħaba tax-Xlokk*** billi Malta qiegħda fix-xlokk ta' Għawdex u din is-sħaba tkun tidher sewwa.

B'xorti ħażina, illum il-ġurnata ħafna ħaxix selvaġġ, minflok ma jitlaqqat għall-bhejjem, u minflok ma jirgħu fih il-mogħoż u n-ngħaġ, jitħalla jikber u jinxef, u mbagħad jingħata n-nar minn nies irresponsabbli. Dan jagħmel ħafna ħsara, l-aktar lis-siġar li jkunu jikbru fil-qrib, ikun ta' dannu għall-uċuħ li jista' jkun hemm jikbru fil-qrib, u jipperikola l-proprjetà ta' ħaddieħor. Dan minbarra l-fatt li wara l-ħruq, ir-raba' jieħu dehra ta' deżolazzjoni, nugrufun u swied ta' qalb.

## *Prodotti tas-Sajf*

Fis-sajf l-aktar prodotti kotrana jew abbundanti jkunu dawk tal-frott li jibda kmieni fir-rebbiegħa bin-naspli f'April, imbagħad ikompli bil-ħawħ, bajtar ta' San Ġwann, lanġas, bambinella, għajnbaqar, pruna, ċiras, berquq, tuffieħ, tin, parsott, ferkizzan, bajtar tax-xewk, bħajra, jiġifieri bettieħ u dulliegħ, ħarrub, għeneb, u fl-aħħar ir-rummien fil-bidu tal-ħarifa.

Il-ġbir tal-frott jissejjaħ **qtigħ il-frott** jew **ħrit il-frott**. Min jaqta' l-frott kollu ta' xi siġra ngħidu **ħorot kollox**. Il-kelma **ħrit** m'għandniex nitfixkluha mal-kelma ħart, li tfisser xogħol bil-moħriet, jew ta' min jaħrat. Min **joħrot**, ikun qiegħed jaqta' l-frott jew il-weraq kollu tas-siġra. **Ħrit il-ħarrub** hu l-qtigħ tal-ħarrub. Dan irid isir qabel ma tagħmel l-ewwel xita, wara Santa Marija jew f'Santa Liena, minn hekk imsejjaħ ukoll **ħarrub ta' Santa Liena**. Il-frott dari kienu jimlewh fi **bxiekel** tal-qasab apposta, per eżempju **bixkilla tal-frawli, tal-għajnbaqar**, eċċ. L-għeneb kienu jimlewh fil-**qratal**, u **qartalla** tfisser qoffa kbira. It-tadam kienu jimlewh fil-**mezez**, u **mezza** tfisser qoffa mhux kbira wisq. Illum jimlew kollox fil-**kaxxi**.

Kemm fir-**raba' bagħli**, jiġifieri dak li jissaqqa biss bix-xita, kif ukoll fis-**saqwi**, fis-sajf ikollna ħafna tadam, billi dan il-prodott l-istaġun tiegħu jaħbat sewwa sew fix-xhur tas-sajf. Infatti jibda ma' ħruġ is-sajf u jispiċċa għal nofs il-ħarifa, bl-aqwa produzzjoni fix-xhur ta' Lulju u Awissu.

Fis-sajf ikollna wkoll prodotti oħra tas-saqwi, l-aktar ħxejjex aromatiċi bħall-ħabaq, karfus, nagħniegħ, kaboċċi, diversi tipi ta' qara', u l-aktar qara' twil li jixxeblek mal-ħitan fir-raba' u l-ġonna tas-saqwi, u prodotti oħra bħal ħass, ħjar, brunġiel, bżar aħdar u filfel, li mbagħad jużawh fis-salmura tal-*pikles* u taż-żebbuġ. Hawn ta' min igħid ukoll li ma' Settembru jerġa' jibda jidher il-pastard li, billi hu prodott tax-xitwa, aktar ma jkun dieħel iż-żmien, aktar jibda jisbieħ u jiżdied.

## *L-Annimali u t-Temp*

Il-bdiewa u r-raħħala jgħixu l-ħin kollu qrib l-annimali tagħhom. Għalhekk huma jistgħu josservaw iċ-ċaqliq u l-mossi kollha li jagħmlu dawn l-annimali tagħhom meta jkunu affettwati minn xi ħaġa. Hu fatt magħruf, per eżempju, li, meta jkun se jagħmel terremot, l-annimali jitferżnu u juru nuqqas ta' sabar mhux tas-soltu. Dan jiġri għax l-annimali huma sensittivi aktar mill-bniedem, u allura jistgħu jħossu ċerti vibrazzjonijiet qabel ma nħossuhom aħna.

L-annimali jistgħu wkoll ibassru x'temp ikun se jagħmel. Għalhekk il-bdiewa tagħna ġabru l-esperjenzi tagħhom fi qwiel biex dan il-għerf igħadduh lil ħaddieħor b'mod sempliċi u ħafif, u li wieħed jista' jiftakru malajr.

Nibdew l-ewwel b'xi qwiel dwar ix-xita jew it-*temp xitwi*. **"Alwett bil-gziez, xita bla qies."** Id-dehra ta' l-alwett fil-ħarifa hi sinjal li jkun se jkollna ħafna xita.

Ninnutaw lil kelma "gziez" li hija komuni f'Għawdex minflok "gzuz". Indikazzjoni oħra ta' xita fil-qrib hija d-dehra tal-ħuttaf. Infatti l-qawl igħidilna, **"Meta tara l-ħuttaf tkun ġejja x-xita."** Il-ħuttaf hawn Għawdex jissejjaħ ukoll "ħawwief". Dawk li jrabbu l-klieb igħidulna li **"Meta jitkagħbru l-klieb ikun ġej il-maltemp"**. Mela l-klieb jistgħu wkoll ibassru minn qabel jekk ikun se jagħmel temp ħażin. Tant hu hekk li qawl ieħor igħid, **"Meta l-kelb jitmiegħek u l-ħmar**



*Għalqa tad-dwieli f'Għawdex*

**jimraħ, jew irwiefen ittenna, jew bix-xita għandek tifraħ.**" Hawn Għawdex nużaw ukoll ħafna l-verb "ittenna" minflok "stenna".

Ħlejqa ċkejkna ħafna li tista' tħabbrilna x-xita hija n-nemla. Pero` mhux kull nemel. Għall-ħabta ta' Ottubru joħroġ nemel kbir ileqq u n-nemel tal-ġwienaħ. Dawn iħabbru l-maltemp. Araw x'igħid il-qawl, **"Meta joħroġ in-nemel tal-ġwienaħ tkun ġejja x-xita."** Hawn ta' min igħid li qabel ix-xita qawwija li kellna f'Novembru (2002) hareġ in-nemel tal-ġwienaħ, u wara verament ġiet ix-xita. Xi drabi dan in-nemel tant jidher f'daqqa li jaħsbuh ġie mas-sħab minn barra, speċi ta' passa tan-nemel!

Qawl ieħor, din id-darba dwar it-tajr, iwissina, **"Mogħdja ta' għasafar kbar sinjal il-maltemp."** Fost il-għasafar kbar hemm ukoll il-għerienaq. Dawn ukoll jissemmew f'qawl dwar it-temp, **"L-għerienaq il-maltemp iqanqlilhom il-ġwienaħ"**. Għaliex jiġri dan? Hawnhekk ta' min ifisser dan il-fenomenu. Qabel xejn, it-tajr u l-għasafar ma jfittxux il-maltemp, imma jevitawh. Għalhekk, meta jiltaqgħu ma' xi ajru kbir ta' l-ilma, dawn jimxu quddiemu biex kemm jista' jkun jiskansawh. Imma jista' jagħti l-każ li t-temp ma jkunx sejjer lejn in-naħa fejn ikunu sejrin huma. Għalhekk il-maltemp jibdlilhom it-triq, jiżvijahom billi jimbuttahom quddiemu. U din hi r-raġuni għax it-tajr jasal fuq il-gżejjer tagħna qabel xi maltempata. Tajr bħal dan aktarx ma jibqax hawn, imma jibqa' sejjer qabel ma jilħaq il-maltemp fuqna.

Għasafar oħra li jimmarkaw ix-xita huma l-pluvieri. Isimhom magħhom għax "pluvia" bil-Latin tfisser xita. Bit-Taljan tiġi "*pioggia*". Għalhekk, il-qawl tagħna jgħid, **"Meta jiġu l-pluvieri jiġi l-maltemp"**. Il-qattus, bħall-kelb, meta jħoss li ġej temp milwiem, jibda jitmiegħek. Għalhekk, insibu dan il-qawl, **"Meta l-qattus jitmiegħek, mur għall-kabozza għax tkun ġejja x-xita, u ħudha miegħek"**. Il-*kabozza* kienet bħal kowt oħxon tas-suf minsuġ lokalment hawn Għawdex li dari kien jintuża flok inċirata. Tajjeb infakkru li dari n-nies ma kienx ikollha għalfejn tilbes pulit, billi l-Għawdxin kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom bdiewa.

Għalhekk, għax-xita sempliċi kabozza kienet tgħaddi. Imbagħad għall-għalqa ***xkora tal-ħuta*** kienet tkun biżżejjed biex tilqa' x-xita. Kienu jdaħħlu qaruna ġo oħra u jixtħuha fuq rashom qisha barnuża. Illum din id-dehra spiċċat, għax anki x-**xkejjer tal-ħuta** nqerdu.

Dari f'Għawdex kien hawn ħafna ħmir, għax il-ħmar, annimal fidil u ubbidjenti, kien ta' ħtieġa kbira għall-bdiewa tagħna. Kien hawn ukoll razza ta' ħmir kbar li b'xorti ħażina tħallew jinqerdu. B'danakollu jingħad li l-aħħar wieħed kien ġie bbalzmat minn wieħed Ġermaniż li kien baqa' impressjonat bil-kbor tal-ħmir Għawdxin. Il-ħmir ukoll jimmarkaw li jkun ġej il-maltemp, **"Il-ħmar jinġabar meta jkun ġej il-maltemp."**

Il-qattus diġà semmejnieh bħala li jimmarka t-temp. Iżda wieħed irid ikun jaf iħares sewwa u ma jħallatx ħaġa m'oħra. Isimgħu dan il-qawl, **"Maltemp jew mill-poppa jew mill-pruwa, meta jagħtas il-qattus"**. Mela qattus jagħtas ifisser li ġej il-maltemp, jew minn wara jew minn quddiem.

Fl-aħħarnett insemmu ***l-ors mitoloġiku tal-Gandlora*** li jingħad li kien joħroġ fit-2 ta' Frar u l-Qawqaw jew Gawgaw li joħroġ fil-Milied. Dawn it-tnejn jissimbolizzaw it-taħbir tat-temp tax-xitwa. L-Ors tal-Gandlora jekk isib it-triq imxarrba jgħid ix-xitwa ġejja, jekk isibha niexfa jgħid ix-xitwa għaddiet. Meta, jekk tkun għadha tagħmel ix-xita, it-temp milwiem ikun għadu magħna u se jdum iżjed. Mill-banda l-oħra, il-Qawqaw jew Gawgaw jekk meta joħroġ isib mustaċċih miblula, allura x-xitwa tkun għaddiet, jekk isibhom niexfa, allura x-xitwa tkun għadha ġejja. Dan hu hekk għax l-indewwa jew umdità ta' żmien il-Milied tfisser li x-xitwa tkun għaddiet, l-inxufa tfisser li x-xitwa tkun għadha ġejja. Ma ninsewx, il-kelma xitwa tfisser l-istaġun tax-xita aktar milli tal-bard u l-ksieħ.

**(Jissokta)**



LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO
Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt
SEA VIEW APARTMENTS ALSO AVAILABLE

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 553500


GELAT TA' VERU...
...DOQTU???
BAXAN ORIGINAL
SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
IL-MENQA - MARSALFORN - GOZO
TEL: 551005 - 551983 FAX: 559959

TEKNO ZONE
T.V.'s, Hi Fi Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.
Call Peter & Maureen Mercieca
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo, Malta.
Tel/Fax: 21565304 Mobile: 09491809 / 09854176
e-mail: teknozon@maltanet.net

IL TERRAZZO
Bar & Restaurant
• St. Simon Street, Xlendi, Gozo •
Host: Joseph Mercieca
Tel: 562992, 556594 • Mobile: 0944 6833 • Pager: 357 4242
E-Mail: www.terrazzo@waldonet.net.mt
Web Site: www.gozo.com/terrazzo

**FUQ L-INTERNET**

RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
http://www.rtk.org.mt

IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi






# Il-Mużew tal-Katidral

## (L-ewwel parti)

Wara dik il-mawra li għamilna flimkien lill-Mitħna ta' Kola, fix-Xagħra, illum ser nerġa' neħodkom lura lejn iċ-Ċittadella fejn inżuru post totalment differenti mill-mużewijiet l-oħrajn kollha. Din id-darba ser nidħlu fil-Mużew tal-Katidral fejn naturalment is-suġġett ser ikun wieħed ekklesjastiku. Fil-fatt f'binja mwaħħda mal-Knisja Katidrali insibu dan il-Mużew li biex tasal għalih trid tmur fuq ix-xellug tal-Katidral fi Triq il-Fosos, ftit metri qabel ma tilħaq dak il-ftuħ li hemm fuq in-naħa ta' fuq tas-Sur, fejn propju kienu jinżammu l-ħażniet tal-qamħ. Il-binja qabel kienet tagħmel parti mill-vestwarju tal-Katidral. Din ġiet irranġata f'binja ta' tliet sulari biex takkomoda fiha l-Mużew li ġie inawgurat fil-21 ta' Ottubru 1979.

### *L-ewwel sular*

Hekk nibdew mis-sular li fih hemm l-entratura u mill-ewwel tinduna li dan il-mużew huwa mimli daqs bajda bl-oġġetti li fih għall-wiri. Kif appena tidħol, fuq ix-xellug tilmaħ vetrina b'ilbies li kien jintlibes mill-Kapitlu tal-Katidral. Aktar 'l quddiem, ma' sieq it-taraġ tilmaħ partijiet minn kolonni maħduma fi stil doriku ta' l-ewwel seklu qabel Kristu. Dawn kienu jagħmlu parti mit-tempju dedikat lil alla rumana Ġuno, li kien jinstab fuq l-għola parti tal-belt Gaulos ta' dak iż-żmien. Aktar il-ġewwa fl-istess sala, wieħed jilmaħ mill-ewwel, minħabba l-kobor tagħha, il-karozzella ta' l-Isqof t'Għawdex. Din kienet maħduma fl-1860 mill-kumpanija ta' *Nurse and Company*.

Inkomplu nimirħu ma' l-oġġetti li jinsabu fil-vetrini u barra minnhom u nsibu kanupew tat-tabernaklu maħdum mill-qoton t'Għawdex u baldakkin minsuġ fuqu tapizzerija fjamminga tal-bidu tas-seklu tmintax. Hemm ukoll umbrella ta' kulur aħdar li kienet tintuża fil-purċissjonijiet ta' filgħodu biex tgħatti lill-isqof mix-xemx. Dan il-kulur huwa assoċjat

ma' l-ilbies tal-isqof, bħalma l-aħmar huwa marbut mal-kardinal u l-abjad mal-Papa, għalkemm illum m'għadekx tara dan il-kulur fuq l-isqof. Naraw numru ta' statwetti maħduma fil-Portugall fis-seklu tmintax. F'kantuniera jidher kandlier trijangulari li kien jintuża fi żmien il-Għid u fl-art hemm esibiti xi laned taż-żejt li minnhom kienu jimtlew il-lampi li kienu jinxtegħlu bl-istess likwidu u li kienu mdendla fil-Katidral.

Mal-kollezzjoni hemm gradenza maltija tas-seklu dsatax li l-interzjar tagħha juri s-salib bi tmien ponot tal-kavallieri u fuqha arloġġ antik u xi statwetti, mitri tal-isqfijiet u lbies ieħor. F'waħda mill-vetrini hemm għall-wiri sandli tal-Papa Piju VII li kien dam imexxi l-Knisja bejn l-1800 u l-1823. Fil-baxx hemm numru ta' maskli tal-bronż li kienu jintużaw fil-festi ta' Santa Marija. F'nofs daħla naraw artal tal-ġebel miġjub mill-kappella ta' San Martin f'Santa Dminka, fir-Rabat. Fuq ir-riħ tal-artal hemm imdendla pittura li tirrappreżenta s-Sagra Familja u wieħed m'għandux jitlef li jammira skultura fix-xema ta' l-Aħħar Ċena (1830). Ma' dan kollu nsibu skrivanija nterzjata, relikwarju sabiħ ħafna, kappel aħmar ta' kardinal u ventartal irrakmat bil-ħjut tad-deheb tas-seklu sittax, kif ukoll terħa tal-ħarir ta' l-artal, sabiħa bil-bosta u maħduma fl-1880.

## *Is-sala tal-pittura.*

It-taraġ li hemm ħdejn id-daħla jwassal għas-sular ta' fuq, is-sala tal-pittura. Matul it-taraġ hemm esebiti sitt armi tar-razza ta' gvernaturi ta' Għawdex u taħthom insibu erba' pitturi bl-akwarella li waħda minnhom hija ta' interess parikulari għaliex turi ir-Rabat u s-sur kif kienu jidhru fl-aħħar tas-seklu tmintax. Kif tibda s-sala fuq ix-xellug hemm imdendla pitturi ritratti ta' Franġisk Mercieca, Nikolanġ Maħnuq, Saverju Cassar, li kien l-arċipriet kuraġġjuż li fl-1798 mexxa r-rewwixta ta' l-Għawdxin kontra l-franċiżi; Mikelanġ Grima, Luigi Fernandez li kien delegat Apostoliku, Franġisku Zammit, Adrijanu Dingli li kien ħadem bosta biex imexxi l-Għawdxin 'l quddiem, u pittura oħra ta' missieru, Pawlu Dingli.



*Il-Famuż Polittiku tas-Seklu 16 fil-Mużew tal-Katidral*

Wara dan is-sett insibu mensula nteressanti ħafna li oriġinarjament kienet fuq l-artal maġġur tal-Katidral sal-1791. Dan ix-xogħol huwa dedikat lil Santa Marija. Din il-biċċa arti hija ffurmata minn seba' kwadri bit-tempera fuq l-injam, u jiffurmaw tliet ringieli; ir-ringiela ta' fuq hija magħmula minn kwadru waħdu u ż-żewġ ringieli ta' taħtu huma ffurmati minn trittiku fuq ieħor. (Trittiku huwa kompost minn tliet panewwijiet, wieħed fin-nofs u t-tnejn tat-truf meħmużin miegħu b'xi ċappetti, b'mod li jistgħu jingħalqu fuqu bħal żewġ ġwienaħ). Fil-kwadru ta' fuq naraw l-Inkoronazzjoni tal-Vergni Mqaddsa mit-Trinita` Divina, fit-trittiku ta' taħtu, fil-kwadru tan-nofs naraw lil Santa Marija, waqt li fuq iż-żewġ panewwi tal-ġnub naraw it-tħabbira ta' l-Anġlu Gabrijel lix-Xebba Marija. F'dak ta' taħt fin-nofs naraw lil Madonna bil-Bambin Ġesù waqt li fil-ġnub insibu lill-Appostli San Pietru u San Pawl. X'aktarx li x-xogħol huwa ta' artisti differenti u kien maħdum bejn l-aħħar tas-seklu sittax u l-bidu tas-

*(jissokta fil-ħarġa li jmiss)*

Links Travel
Malta's Leading Tour Operators
LINKS TRAVEL LTD. are Gozo Representatives for HAMILTON TRAVEL
47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.
Tel: 356 2156 0180, 356 2155 6476 Mob: 9949 5700 Fax: 356 2156 0181
Email: travel@linksmalta.com Web: www.linksmalta.com
HAMILTON TRAVEL CO. LTD.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# Fra Baskal (1869-1937)

## 1. Bijografija fil-Qosor

**jikteb Angelo Xuereb**

Fra Baskal twieled fir-raħal taż-Żebbuġ, Għawdex fl-10 ta' Frar 1869. Huwa ġie msemmi Salvu.

L-ewwel xogħol li wettaq Salvu kien dak ta' ragħaj billi l-ġenituri tiegħu kellhom xi nagħaġ. Imbagħad, meta tfarfar, beda jgħin anki lil missieru fir-raba'. Proverbju Malti jgħidilna: "Il-ġurnata mill-ewwel turik." Dan nistgħu narawh ċar fil-ħajja tiegħu. Kull filgħodu kien imur jisma' quddiesa u jitqarben b'devozzjoni mill-aktar kbira. Ta' spiss kien jiġbor lit-tfal u jgħallimhom id-duttrina filwaqt li b'ħerqa kbira kien ikellimhom fuq l-Ewkaristija u l-Madonna. Kien anki jgħidilhom it-talba tar-Rużarju.

Beda jħoss li Alla qiegħed isejjaħlu biex isir ajk kapuċċin. Il-vokazzjoni tiegħu nibtet hekk. Bdiet titnissel fih ix-xewqa li għandu jsir reliġjuż, iżda ma kienx jaf ma' liema ordni kellu jissieħeb. Sadanittant darba Kalanġ Ċini ħadu l-Kapuċċini u proprju minn dak in-nhar Salvu beda jisma' l-quddies kuljum hemmhekk sakemm iddeċieda li jitlob li jsir reliġjuż. It-talba tiegħu ġiet milqugħa u ngħaqad mal-ordni tal-Kapuċċini bħala ajk. Salvu libes iċ-ċoqqa reliġjuża fl-24 ta' Diċembru 1890 minn idejn Patri Ġużepp Marija mill-Birgu, u tawh l-isem ta' Fra Baskal bħala sinjal li huwa nqata' mid-dinja fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzja f'Victoria, Għawdex.

Għamel in-novizzjat fil-Kunvent ta' Santa Liberata fil-Kalkara. Hawnhekk beda jitħarreġ fl-ispirtu Franġiskan ta' faqar u kien isib l-għaxqa tiegħu fil-meditazzjoni. Fil-15 ta' Diċembru 1896 Fra Baskal għamel il-wegħdiet temporanji tal-faqar, ubbidjenza u kastità. Wara ġie mibgħut fil-kunvent tal-Madonna tal-Grazzja f'Victoria, Għawdex. Hawnhekk huwa qeda l-uffiċċji ta' sagristan u infermier. Għamel il-professjoni perpetwa f'riġlejn Ġesù Sagramentat u f'idejn il-Gwardjan Patri Manuel mill-Floriana fil-15 ta' Diċembru 1899.

Il-ħajja tiegħu fil-kunvent kienet ikkaratterizzata mill-faqar u mill-ubbidjenza kbira tiegħu lejn is-superjuri. Qeda fedelment u b'reqqa x-xogħlijiet ta' ċirkatur, jiġifieri jiġbor il-karità biex jgħixu l-patrijiet, kif ukoll kien sagristan. Ħabb dejjem lill-proxxmu tiegħu li kien jgħinu mill-aħjar li jista', filwaqt li kellu devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija u l-Madonna.

Miet wara marda qasira ta' tliet xhur, li matulha wera sabar u rassenjazzjoni fl-isptar ta' Għawdex fit-18 ta' Mejju 1937 bi fwieħa ta' qdusija.

L-eżempju jkaxkar. Fra Baskal għadu jagħmel il-ġid sal-lum. Infatti bosta huma dawk li jitolbuh xi grazzja jew imorru jinvistawh fil-kripta li tinsab taħt il-knisja tal-Kapuċċini, f'Victoria Għawdex.

Din is-sensiela fuq is-Serv ta' Alla Fra Baskal ser tkun imsejsa fuq dawn il-kotba:


Libreri Joseph, *Is-Serv ta' Alla Fra Baskal Farrugia Kapuċċin 1869-1937*, Għawdex 1999.
Mizzi Anġlu, *Tagħlim meqjus u qasir fuq il-Ħajja u l-Mewt ta' Fra Baskal minn Għawdex, Kapuċċin*, Malta 1956.
Fidiel minn Għawdex, *Fra Baskal, l-ajk tas-Santwarju tal-Grazzja*, Malta 1965.
Vella Apap Nikol, *Fra Baskal minn Għawdex, Kapuċċin (1859-1937)*, fil-*Korpus 1987* (4), p. 8-10.








*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP,
ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 21553352/21562211 - Mob. 999 5001 - Fax 21562211



TAL-ĦWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi,*
*Frott Imqadded għall-Ħelu*
*u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

**14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.**
**TEL: 2156 2160**

*Għawdxin li għadna niftakru - 1*

*Minn Pawlu Mizzi*

# Karmnu ta' l-Aħmar

B'hekk kont nafu minn dejjem: "Karmnu ta' l-Aħmar". Kunjom kellu ukoll bħali. X'kien, imma, sal-lum għadni ma nafx. Għalhekk, bla ma nonqos mir-rispett lejh, nixtieq insejjaħlu bil-laqam kif kont nafu fi tfuliti, 'Ta' l-Aħmar'. Karmnu kien ħafna akbar minni. Minħabba, imma, li kien korra b'bomba tal-festa u safa' bla id, kien ġibed ħafna simpatija, l-aktar fostna t-tfal. Kien, imma, kwiet u umli. Bilkemm xi ħadd qatt sama' ħossu. Aktarx dejjem waħdu u b'ċiera ta' swied il-qalb. Kultant jaħbat jitbissem. Bħal jiftakar f'xi ħaġa li xi darba kienet tferrħu. Lilna, biex idaħħakna, kien jaqbad jidden bħal serduq. Jew ipespes qisu fellus ħiereġ mill-bajda. Stramberiji, imma konna nidħku.

Il-psikologi llum jgħidulek "frott l-ambjent". Jien ma nafx li kien jgħix mat-tiġieġ! Minnu, iżda, li ħdejn Santu Wistin dak iż-żmien kien miżgħud bl-irziezet u kien straman. L-aktar fejn kien joqgħod! Ċimiteru fil-veru sens tal-kelma. Għax barra li ftit kienu jersqu 'l hemm ħlief b'inhar, jgħidu li lejn dawk l-inħawi kienu jaraw l-erwieħ. Stejjer misterjużi. Mhux, imma, bla bażi. Ftit 'il bogħod mid-dar tiegħu, fil-fatt, darba kien hemm tassew ċimiteru. Kien żgħir, b'ċirkumferenza ta' 200 pass, u kienu jgħidulu 'tal-Franċiżi'. Kien hemm midfunin fih xi nies qaddisa li kienu mietu waqt il-kruċjata li San Alwiġi Re ta' Franza kien għamel kontra Tunis fl-1270.

Id-djar ta' maġenbu kienu daqstant misterjużi. Billi 'l barra minn dak li dari kien il-*muraglia* tar-Rabat, kienu mibnija 'l antika. B'intrata msaqqfa, jew kif dari kienu jgħidulha 'saqifa', kellhom bitħa wara b'bir fin-nofs u b'taraġ li minnu kont titla' għal setaħ fl-appartament ta' fuq. 'L ġewwa minnhom kmamar kollha ħnejjiet. Id-dar ta' Karmnu kienet waħda minnhom. Fiha kienet taħkem ħemda tal-mewt. Qisu ma jgħix ħadd fiha. Jitkellmu biss għall-bżonn. Bħat-trappisti.

'Ħafna drabi nqumu u norqdu bla ma ngħidu kelma,' qalli darba.

Karmnu kellu żewġ ħutu subien akbar minnu, Ġorġ u Ċikku. Missieru kien surġent tal-pulizija, dak iż-żmien irtirat, imma b'dixxiplina militari tremenda. 'Kk jordnalek trid tobdi, 'kk jgħajjatlek trid tkun pront miegħu. Għax ħoll xagħarek u ġib iż-żejt! Ommu kienet mara siekta, dejjem fommha magħluq, qsajra u bjonda. Jgħidu li kienet Franċiża wild xi Maltin ta' Marsilja. U bħal kull Franċiża, minn qaddisha patrijottika. Anke uliedha kienu tgħallmu jkantaw il-'*Marselese*'!

Karmnu, kif għidna, kellu qalbu f'idejh. Minkejja l-faqar kien dejjem lest li jagħti minn dak li jkollu. U forsi, għalhekk, kien jiġbdek. Wara li korra, l-Arċipriet Ħili kien sablu x'jagħmel ġo San Ġorġ, daqqa jiġbor is-siġġijiet ma' Ġużeppi ta' Rixu jew jixgħel xi xamgħa ma' Ġanġu s-sagristan. Kien iħobb imma l'aktar idoqq il-qniepen u Sabbella kien jgħallmu. X'kien jaqla' kuljum ma nafx. Dak iż-żmien ġurnata ta' raġel tas-sengħa kienet forsi tlaħħaq 7s.6d., fi flus tal-lum xi ħamsa u għoxrin ċenteżmu. Karmnu, li ma kien jaf jagħmel xejn ħlief jiġbor is-siġġijiet, ma ngħidx li kellu aktar min-nofs. Xi ħaġa iżjed kien idabbar minn servizzi ta' daqq ta' qniepen fil-funerali, daqqa għal xi trapassar u daqqa għal xi frejħa. L-imwiet ta' trabi dak iż-żmien ma kenux nieqsa. Kienu jmutu kuljum. Idaħħal x'idaħħal, imma, Karmnu qatt ma żamm sold għalih. Kollox kien jagħtih lil ommu. Hekk kienet id-drawwa. Familja waħda, but wieħed.

Lil Karmnu kont sirt nafu d-duttrina. Kont għadni lanqas għamilt il-preċett. U kemm sħabi u kemm jien, ta' tfal li konna, konna nieqfu nħarsu lejn idu maqtugħa, infaxxata bl-iswed, u nitħassruh.

Karmnu ma kienx jieħu għalina. Rari kien ikeċċina. U meta xi darba nhar ta' Ħamis konna ninzertawh fil-kampnar, bilqiegħda fuq banketta, konna nistennew ħerqana biex narawh idoqq il-qniepen bil-ħabel. Kien jiskantana. X'ħeffa kellu jlaħħaq ma' ħamest' iħbula! B'siequ tax-xellug kien jiġbed il-meżżana u b'tal-lemin iż-żgħira; u b'idejh jiġbed daqqa ħabel ta' qanpiena waħda u daqqa ta' oħra. Kif kien għallmu Sabbella.

Sabbella ukoll kien kampanaru prim. Għar-rifsa fil-mota ma kienx hemm bħalu. Imma xi ftit nervuż u f'idejh ma kellux il-ħlewwa li kellu Karmnu. Wara l-gwerra, ftit wara li l-Isqof Gonzi mar Malta, kien ġie impjegat fil-Katidral ta' l-Imdina. B'hekk Karmnu kien baqa' waħdu jdoqq il-qniepen.

Dak iż-żmien Karmnu kien għadu xi ftit imgerrex. Imma faċilment tixtrih bi ftit ħelu taż-żambur. Fl-għaks kollox tara sabiħ u lilna t-tfal tad-duttrina kien ikun jistenniena, għax kien jaf li minn għandna xi ħaġa kien jiddobba. Miskin! Bilkemm kien ikollu ħobż x'jiekol, aħseb u ara ħelu taż-żambur. Xi waħda kien jitfa' f'ħalqu, imma, il-bqija kien iżommu għal ħutu u għal ommu.

B'hekk, bil-mod il-mod sirna ħbieb. Mhux l-ewwel darba li kien iħallini niġbed xi tokk. U jien l-hena tiegħi ngħid lit-tfal li kont sirt naf indoqq il-qniepen!

Mhux għax kelli xi ħeġġa partikolari għall-qniepen! Anzi forsi kien Karmnu li kien l-aktar jinteressani. Tant li meta snin wara rajt il-film *The Hunchback of Notre Dame,* reġa' ġie quddiem għajnejja. Karmnu ta' l-Aħmar kien tassew *hunchback* ieħor, jistinka u jitħabat. U bħall-*hunchback* ma kienx apprezzat.

Barra mill-kampnar l-anqas jien ma kont nagħti kas tiegħu.

Darba ġejt wiċċ imb'wiċċ miegħu fil-pjazza ta' Santu Wistin. Kont qed nilgħab partita futbol mat-tfal ta' dik in-naħa: ta' Sufa t-tnejn, Leli u Ġużeppi, Fonzu ta' Gejtan, u Karmnu ta' Xaqqaq. U ftit kelli moħħu.

'Ħadt ħsibik,' qalli. 'Mitilkim tifil, hewx?'. Dejjem b'dak id-djalett antik rabti...

F'qalbi għidt: 'Qed jibdilni!' U ma kontx weġibtu.

'Lilej to' Kunċette kellej,' kompla jgħidli biex donnu aktar jiġbidli l-attenzjoni. 'Dukkojt frejħe għelejh,' reġa qalli.

Imma jien nilgħab kont u nilgħab bqajt.



Kienu għaddew bosta snin minn din il-ġrajja. Sirt *teacher*. Inbena l-Oratorju flok iċ-ċimiteru. Għamilna grawnd u armajna s-*Salesian Youths*. U kliem Karmnu kull meta ngħaddi mill-pjazza kien jidwi f'widnejja qisu qed jgħiduli dak il-ħin. Baqa' jberren f'moħħi u bqajt sa ma staqsejt lil Feliċ ta' Kunċetta.

Feliċ kien kummissjonant barra mastrudaxxa u kien ikun jaf min miet u fejn indifen.

'Niftakar!' qalli. 'Kien fl-aħħar xhur tal-gwerra! Tassew kien fih biċċa ta' tifel.'

Konna fis-sagristija ta' San Ġorġ u miegħu kien hemm is-Sur Lorry ta' l-Erbgħa. Dan is-sur Lorry kien negozzjant tad-dqiq u fil-gwerra hu u missieri kienu sħab u jaħdmu flimkien fil-*Gozo Eastern Pool*.

'Beka missierek dak inhar,' qalli. 'Qatt qabel ma rajtu jibki!'

Meta snin wara staqsejt lil ommi ma ċaħditx u qaltli: 'M'ank ilħaqna għammidnih!'

Għamilt madwar xahar nipprova nara fejn kien ġie midfun biex almenu nqiegħed ftit fjuri bojod fuq qabru. Ma rnexxilix! U bkejtu lil dan it-tlettax-il wieħed minn ħuti.

Karmnu ta' l-Aħmar kellu raġun. Il-frejħa li kien daqq kienet għalih. Jien, imma, ma apprezzajtux. Bħalma ma kienux japprezzawh il-biċċa l-kbira tan-nies li kienu jisimgħuh idoqq il-qniepen.

Fuq hekk darba tani tagħlima l-Professur Conti. Kien qed ipinġi l-arzella tal-kor fil-knisja ta' San Ġorġ u sibtu mal-koxxa tat-tieqa tas-sala, fejn kellu l-istudju tiegħu, jogħxa bid-daqq tal-qniepen.

"Ma nixbax nammira l-*campanaro* (id-daqqaq tal-qniepen) tagħkom".

Kien qed idoqq il-ħdax. U talabni ngħidlu għal xhiex kien qed idoqq. Spjegajtlu li Karmnu kien inaqqar b'dak it-ton ħames darbiet kuljum: fl-erbgħa ta' filgħodu għall-*pater noster*, imbagħad għall-*angelus* fit-tmienja, f'nofsinhar, u fil-ħamsa ta' filgħaxija, u fis-sebgħa għal ta' l-imwiet.

'Anke l-misilma bħalna. Jissejħu għat-talb ħames darbiet kuljum. Imma flok bil-qniepen ta' Karmnu bit-tislil tal-meżwin mill-minarett tal-moskea,' komplejt għidtlu.

'U fil-ħdax għaliex?' staqsieni.

Għidtlu li din kienet drawwa antika ħafna. Fl-ebda knisja oħra f'Malta jew f'Għawdex ma jindaqq il-ħdax. In-nies tar-Rabat jgħidulha 'tal-borma'.

Id-drawwa tad-daqq tal-ħdax bdiet fil-medjuevu. Kien hemm, dak iż-żmien, ħafna nsara fqar u, kif għadu jiġri fl-art tal-missjoni llum, dawn kienu jiġu mantnuti minn borma waħda komuni. Din kienet issir fil-*capenum*, kamra żgħira fuq in-naħa ta' wara tal-knisja. Fil-ħdax kienet iddoqq il-qanpiena biex il-foqra jinġabru madwar mejda biex il-kappillan iqassmilhom l-ikel. Għas-servizz tiegħu l-kappillan kellu dritt għal platt sħun minn din il-borma.

Id-daqq tal-qniepen kienu saru parti mil-liturġija tal-knisja aktar tard fir-Rinaxximent. Il-mota li kellha motivi ta' ferħ kienet tiġi esegwita f'waqtiet ta' glorja; it-trapassar kien jindaqq fil-mewt ta' xi ħadd kbir; u l-frejħa, speċi ta' mota bi qniepen żgħar, kienet tindaqq fil-mewt ta' xi tarbija jew tfal li ma jkunux għamlu l-preċett.

Il-Professur Conti kien jogħxa jisma' lil Karmnu ta' l-aħmar idoqq xi mota. "Għandu idejh sinkronizzati ma' widnejh," qalli dak inhar. Imbagħad dar fuq Karmnu: "*Sei un genio. Bravo*! *Bravo*!'

U kompla jgħidli: 'Jekk fl-imgħoddi daw' l-qniepen kienu jkeċċu x-xjaten bihom, Karmnu jistieden l-anġli.'

Lil Karmnu kważi qabiżlu d-dmugħ. Min qatt faħħru f'ħajtu! Missieru? Il-qassisin? Xi ħadd mill-parruċċani ta' San Ġorġ li tant kien ferraħ bid-daqq tiegħu? Ħassejtni nirgħex. U xtaqt nitolbu skuża. Is-suppervja imma ħallietni bla kliem. U ppreferejt inżid mal-ħtija.

Illum għadhom f'widnejja dawk il-kliem u ma nistax ma naħsibx fihom. Noqgħod taħt il-kampnar tal-Katidral ta' l-Imdina. 'Il bogħod ħafna minn San Ġorġ. Imma ma nistax ma nagħmilx analoġija bejn il-qniepen ta' dawn il-knejjes. Tat-tnejn kienu saru mill-istess funditur Maltin, il-Mastro Marco Morello u l-Mastro Gio Antonio Tanti, fis-seklu tmintax. It-tnejn kellhom tonalità identika u t-tnejn għal xi żmien kienu jindaqqu kważi minn id waħda: ta' San Ġorġ minn Karmnu ta' l-Aħmar u tal-Katidral tal-Imdina minn Sabbella.

Karmnu ta' l-Aħmar miet tax-xjuħ. U la għalqu l-ħwienet tas-suq u lanqas waqfu n-nies fit-triq. Il-qniepen biss fakkruh. Kull meta nismagħhom għadhom sal-lum jidwu f'widnejja kliem il-Professur Conti: '*Sei un genio*! *Bravo*! *Bravo*!'




# L-ISQOF LI HEŻŻEŻ L-AMERIKA

## "Fulton" - Gwerra; "Sheen" - Paċi

*Minn Mons. Albert Curmi*



Dawn iż-żewġ kelmiet li fil-lingwa gallikana għandhom din it-tifsira ta' hawn fuq, kienu il-programm li fuqu bena u għex ħajtu l-Arċisqof Amerikan **Fulton John Sheen** ( Illinois, 1895 - New York, 1979). Il-ħajja ta' dan il-koloss tat-televiżjoni Amerikana tista' tinqasam fi tliet stadji jew perjodi:

L-Ewwel Perjodu jikkonsisti fil-vokazzjoni u l-formazzjoni tiegħu. Difatti, huwa stess u f'diversi drabi asserixxa s-sejħa għas-saċerdozju, meta ra li fis-soċjetà ta' żmienu r-reliġjon kattolika kienet waħda iktar tradizzjonali milli prattika. Għalhekk huwa ried jagħti s-sehem tiegħu f'dan il-kamp ta' importanza fundamentali għat-titjib tas-soċjetà. Huwa fehem tassew tajjeb li ma setax jagħti dan il-kontribut lill-poplu, jekk huwa stess ma jkollux dik il-formazzjoni biex ikun jista' jiġġieled il-glieda (li fi żmienu kienet qalila) biex jibni soċjetà ġdida li fiha l-preżenza t'Alla kellha tkun il-pjan sħiħ tal-ħidma ta' kull bniedem, hu fejn hu fil-mixja tas-soċjetà. Għal din ir-raġuni l-ewwel li ta ħarsa kienu lejn tliet punti fundamentali li ġabarhom fi ftit kliem:



**a. Il-ħajja kif naraha jien bis-sabiħ u l-ikraħ tagħha,**

**b. Il-ħajja mil-lenti ta' l-oħrajn b'mod speċjali minn dik tal-bniedem tat-triq,**

**ċ. Il-ħajja kif jaraha Alla bħala Ħallieq u iktar tard bħala Feddej.**

Għalhekk huwa dejjem fettex l-informazzjoni u l-penetrazzjoni intellettwali tal-bniedem. Din ix-xewqa tiegħu saret realtà b'dawk il-ħames kotba li kiteb bit-titlu: "*Life is worth living*" (1953-1957), u li laħqu l-qofol tagħhom bil-ktieb "*Life of Christ*" fis-sena 1958.

Hawn huwa ħadem fuq dak il-prinċipju tiegħu stess li kien jgħid: "**It-tafal huwa tajjeb, imma jekk ma tkunx taf tużah ma jiswa għal xejn**".

Għal dan l-iskop huwa fettex dejjem l-intelliġenza f'diversi universitajiet li minnhom ħareġ b'riżultati mill-aqwa. Fis-sena 1925 issieħeb mal-grupp tal-filosfi ta' Louvain fejn kiseb id-dottorat "*Honoris Causa*" fil-liġi ċivili u fit-teoloġija dommatika. Imbagħad għadda għal universita` oħra, dik ta' Chicago, u wara f'dik ta' Notre Dame fis-sena 1934. Hawn wera tassew kemm l-intelliġenza tiegħu kienet kbira. Dan deher ċar fil-programmi fuq ir-radio NBC.




### *Il-Ħidma Pastorali - it-Tieni Perjodu*

L-ewwel xogħol tiegħu wara li ġie ordnat saċerdot, kien bħala kurat fil-Parroċċa ta' St Patrick's. B'hekk issa kien sab spazju fejn jaqdi l-missjoni tiegħu, u wara li l-fama tiegħu kienet xterdet, il-Papa Pawlu VI fil-15 ta' Diċembru 1966 ħatru isqof tad-djoċesi ta' Rochester. Iżda hemmhekk sab l-intoppi...




Sa dan it-tant huwa kien diġa Rettur Nazzjonali tal-Propaganda tal-Fidi. Fis-sena 1969 ġie magħżul Arċisqof ta' Newport. Meta, imbagħad, il-Kunsill Nazzjonali tal-irġiel iddeċieda li jieħu ħsieb il-"*Catholic Hour*", Fulton Sheen kien il-mexxej u l-imbuttatur għal żvilupp tassew qawwi. Kien hawn li dan l-Arċisqof ħa t-titlu ta' "*T.V. Bishop*". Pero` l-aktar programm li ġablu suċċessi kbar kien dak "*Life is worth living*" (1954) li kien spiċċa fis-sena 1957. Fis-sena 1964 huwa beda programm tassew riskjuż u kultant kontroversjali: "*Quo vadis America*?" Miljuni ta' Amerikani kienu jsegwu l-programmi tiegħu.

Wara dan ix-xogħol kollu, issa kien infetaħ quddiemu kamp ġdid: il-Konċilju Vatikan II, li fl-ewwel sezzjoni tiegħu huwa kien magħżul biex jieħu ħsieb il-Kummissjoni għall-Missjonijiet. Il-messaġġ pastorali li wassal hawn fis-sena 1963 kien: "*The Priest is not his Own*" (1963), dwar is-saċerdozju.

## *Laqgħat Speċjali fl-Aħħar Perjodu ta' ħajtu*




Imqanqal minn dak il-ħsieb tal-Papa qaddis Piju X fuq it-tqarbin, huwa għażel bħala t-*topic* tiegħu s-Sagrament ta' l-Ewkaristija, u f'riġlejn Ġesù kiteb ħafna mill-konferenzi tiegħu. Matul ħajtu kellu diversi laqgħat ma' diversi Papiet, fosthom il-Papa Piju XI, Piju XII, Ġwanni XIII, Pawlu VI u fl-aħħar anke ma' Ġwanni Pawlu II, li meta ltaqa` miegħu għannqu tassew mill-qalb u qallu: "**Int kolonna qawwija tal-Knisja Kattolika**".

Mill-banda l-oħra, Fulton Sheen dejjem kellu idea kbira tal-Papa Ġwanni Pawlu II għax kien jgħid li dan il-Papa għandu jkun ir-rigal t'Alla għal dawn l-aħħar 500 sena. Fil-fatt huwa stess kiteb li fl-ewwel 500 sena tal-Knisja kien hemm San Girgor il-Kbir. Fit-tieni 500 sena kien hemm San Girgor VII. Fit-tielet 500 sena kien hemm San Piju V li kien għamel il-Konċilju ta' Trentu. U fir-raba' 500 sena kellu jkun il-Papa Ġwanni Pawlu II li bit-tagħlim tiegħu kellu jmexxi l-Knisja għal dak l-iżvilupp tassew kbir u mportanti, li llum l-istess Knisja saret qawwa kbira anke fejn ma hemmx ir-reliġjon kattolika.

## *Lejn it-tmiem, wara ħajja eżemplari f'għaqda sħiħa ma' Ġesu` fl-Ewkaristija*

Hawn ta' min isemmi l-ħafna konversjonijiet li kienu saru permezz tal-konferenzi tiegħu. Meta huwa stess tkellem fuq l-aħħar snin ta' ħajtu, qal: "Mhux għax jien ma nħobbx il-ħajja, imma għax irrid nara lil Mulej. Jien għaddejt ħafna siegħat quddiemu (**kien jagħmel siegħa adorazzjoni kuljum**). Jien tkellimt miegħu fit-talb, tkellimt fuqu ma' kull min ried jismagħni u issa rrid narah wiċċ imb'wiċċ". Din l-istqarrija ma kinitx biss kliem, imma kienet realtà għax fil-kappella tiegħu kellu saħansitra skrivanija, fejn quddiem Ġesu` Sagramentat kien jikteb ħafna mill-konferenzi tiegħu.

L-Arċisqof Fulton Sheen twieled fit-8 ta' Mejju 1859 f'El Paso, Illinois, u miet fid-9 ta' Diċembru 1979 fi New York fl-età ta' 84 sena, u ħalla warajh patrimonju tassew kbir ta' tagħlim sew bil-kelma kif ukoll bil-kitba tiegħu. Bħalissa qed iqum interess kbir fih, li jista' jwasslu għall- kawża ta' beatifikazzjoni.

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## L-Ambjent : tiegħi u tiegħek

Ħafna jixtiequ jgħixu f'ambjent nadif u sabiħ iżda mhux kulħadd joqgħod attent biex ma jħammiġx l-ambjent ta' madwaru. Anke l-gvernijiet ta' kull pajjiż ma tantx jagħtu prijorita` lill-ambjent. Dan l-aħħar inħolqu gruppi u movimenti appuntu biex jagħmlu pressjoni fuq il-gvernijiet biex iħarsu l-ambjent u jaddottaw *policies* favur l-ambjent. Il-ħażin hu li dawn jiġi injorati u jkellhom iwettqu l-missjoni tagħhom taħt forma ta' protesta, u anke xi drabi jkollhom juru ċerta qlubija għax mhux l-ewwel darba li jkunu msawta u mfixkla. Għalhekk l-impressjoni ġenerali dwar dawn il-gruppi hija li dawn huma magħmula minn erba' min nies strambi u militanti li jaqblilhom joqgħodu bi kwiethom!

Minkejja l-ħafna trattati internazzjonali u liġijiet favur l-ambjent, l-istat ta' l-ambjent tad-dinja qiegħed dejjem sejjer għall-agħar. Ir-raġuni prinċipali li qed twassal għal dan hija li għad m'hemmx mentalita` globali favur l-ambjent u ftit nies huma konxji tal-ħsara li qegħda ssir lill-ambjent u lil saħħithom. Aġenda 21, *Earth Charter* u *Habitat Agenda* ipprovaw jiffokaw dwar l-iżvilupp sostenibbli, iżda għal ħafna nies dan huwa suġġett astratt li ma għandux relevanza fil-ħajja tagħhom! Dan huwa żball fundamentali. Kull ħaġa li tiġri fl-univers, remota kemm hi remota, tista' taffettwa lil ħajjitna u lil saħħitna. Barra minhekk l-attivita` ekonomika u industrijali li naraw madwarna, li iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qegħda issir fuq skala globali, qegħda tnaqqas il-*well-being* ta' kull bniedem, tal-familji u l-komunitajiet; qegħda taffettwa s-saħħa u d-diversita` fin-natura. Għalhekk l-aġenda tal-gvernijiet tad-dinja għandha tkun li *issues* ekoloġiċi jridu jiġu trattati minn aspett uman u bħala *issues* li jolqtu lill-bnedmin direttament. Kull ħaġa li tiġri fid-dinja hija importanti mill-aspett ekoloġiku anke jekk forsi tkun remota. Għalhekk hemm ċerti valuri ekoloġiċi u umani li huma korrelati u li għandhom ikunu rispettati minn kulħadd.

Hawn Malta matul dawn l-aħħar għoxrin sena bdejna nsiru aktar konxji tal-ħtieġa li nindukraw l-ambjent ta' madwarna. Wieħed mill-prezzijiet li jkollna nħallsu għall-progress mhux studjat huwa t-tniġġis jew il-qerda ta' l-ambjent. Din hija realta` li mhux biss qed naraw b'għajnejna, iżda xi drabi nbatu l-konsegwenzi tagħha. Hija realta` li tolqot lilna lkoll fuq kull livell, kemm ta' saħħa u kemm ta' ħajja soċjali.

Fis-*Summit* tal-Ġnus Magħquda, li sar bejn is-26 ta' Awissu u l-4 ta' Settembru 2002 f'Johannesburg, fl-Afrika t'Isfel, ħarġet b'mod qawwi din ir-realta` li qed tħasseb lil ħafna nazzjonijiet. Hemm min qed jistaqsi jekk dan il-ħafna tibdil fil-klima, xita bil-qliel li kkawżat għarar kbir f'ħafna pajjiżi u li ħalliet vittmi, barra minn ħsarat kbar fil-bini u l-kampanja, hux effett ta' ħsara ambjentali minn esperimenti nukleari, inkwinament ta' l-arja, nuqqas ta' *ozone layer* u l-effett tal-*global warming* li qed ikollna, jiġifieri t-temperatura tad-dinja qed togħla bi ftit gradi kull sena b'riżultat li ċappap kbar ta' silġ qed jinħallu.

Tajjeb li wieħed jagħmel dawn il-mistoqsijiet u anki oħrajn biex naraw kif nistgħu nħarsu aħjar l-ambjent ta' madwarna u nindukraw is-saħħa tagħna u tal-ħlejjaq l-oħra li jgħixu fid-dinja tagħna. Huwa dmir mhux biss soċjali li nħarsu l-amjent, imma wkoll dmir morali, kif qalulna l-Isqfijiet tagħna fl-Ittra Pastorali tagħhom fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija tas-sena l-oħra.



Tajjeb li l-gvern jagħmel il-leġislazzjoni neċessarja favur l-ambjent u biex inħarsu saħħitna, iżda liġijiet biss mhux biżżejjed. Hemm bżonn ta' kuxjenza nazzjonali favur l-ambjent u edukazzjoni lit-tfal tal-iskola favur l-ambjent. Tagħlim fl-iskejjel sa mill-klassijiet żgħar għandu jkun prattiku u jagħmel sens biex it-tfal jitgħallmu jħarsu l-ambjent minn ċkunithom, biex meta jikbru huma stess iħossuhom ħbieb tal-ambjent u jeħduha kontra min ma jibżax għall-ambjent.

Jekk aħna ma nħarsux l-ambjent issa, ikollna nbagħtu l-konsegwenzi aħna stess u wliedna 'l quddiem. L-ambjent huwa tiegħi u tiegħek.

*L-Email ta' Dr Saliba huwa: msaliba@waldonet.net.mt*

# IL-ĦIDMA PASTORALI FOST IŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN

(ikompli minn paġna 18)

## *Irtir bi tħejjija għall-Milied*

(Dar Manresa - 8 ta' Diċembru 2002)

F'dawn l-aħħar sentejn, minbarra *weekend* irtir fi żmien ir-Randan, il-KDŻ qed toffri okkażjoni liż-żgħażagħ biex jitħejjew għall-festa tal-Milied permezz ta' nofs ta' nhar f'ambjent ta' riflessjoni u talb. Għal dan l-irtir ipparteċipaw tnax-il persuna. Għad li dejjem nixtiequ u nitħabtu għal numru relattivament kbir ta' parteċipanti, il-grazzja ta' Alla taħdem xorta waħda f'kull min jieħu sehem. Okkażjonijiet bħal dawn huma ta' min jinkuraġġihom anke fuq livell parrokkjali.

## *Il-Pjan Pastorali Kwinkwennali 2001-2005*

Diġa' għaddew sentejn minn fuq il-Pjan Pastorali Djoċesan li ddetermina u suppost għandu jmexxi l-għażliet prijoritarji fil-pastorali li ssir fid-djoċesi tagħna, kemm fuq livell djoċesan kif ukoll fuq livell parrokkjali. Forsi jkun f'waqtu li nerġgħu naqbdu f'idejna dan il-Pjan u naraw, fid-dawl tiegħu, fejn qed inpoġġu l-enerġija tagħna, u jekk hux qed nagħtu l-prijorita` lil dak li suppost hu prijoritarju. Inħossu li l-pastorali ma' l-adolexxenti u maż-żgħażagħ mhux kullimkien qed tingħata l-importanza li jisthoqqilha. Eżami tal-kuxjenza f'dan ir-rigward ma jagħmlilniex ħażin!

Fost l-affarijiet li nħossu li rridu nirranġaw biex il-pastorali ma' l-adolexxenti u maż-żgħażagħ taħdem ftit aħjar hi li fil-parroċċi kollha jkun hemm kumitat jew grupp stabbli li jipprogramma l-pastorali u jaħdem għaż-żgħażagħ. Fadal diversi parroċċi fejn, donnu, ħadd mhu jieħu bis-serjeta` il-pastorali maż-żgħażagħ, għajr għal xi inizjattiva ta' darba kull tant u bla ebda interess partikulari. L-esperjenza tgħallimna li fejn hemm kumitat organizzat, il-pastorali ma' l-adolexxenti u maż-żgħażagħ, minkejja l-ħafna diffikultajiet, qed taħdem b'xi mod. Aspett ieħor li neħtieġ naffrontaw b'kuraġġ hu li ndaħħlu fostna mentalita` ta' kollaborazzjoni, li xi drabi ssir ukoll kompetizzjoni jew konfrontazzjoni. F'rispett sħiħ lejn il-karizmi partikulari ta' kull grupp jew għaqda, ma nistgħux nippermettu li naħlu l-ftit riżorsi umani li għandna, u ma niltaqgħux flimkien biex nikkoordinaw aħjar il-ħidma pastorali tagħna. Jeħtieġ ukoll li d-diversi kunsilli fil-parroċċi, partikularment il-Kunsill Presbiterali, dak parrokkjali u anke dak finanzjarju, iħossuhom aktar responsabbli tal-pastorali ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

Eżami tal-kuxjenza - f'sens pastorali! - kull tant żmien, żgur li jgħin biex nimxu aħjar u 'l quddiem.

Ta' Pawlu



Bar &
Restaurant
Tel: 2155 8355
Mob: 9942 1536
Fax: 2156 4382
4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.

Da Luigi's
Restaurant & Wine Bar
For the finest food & best selection of wines
30 Manoel De Vilhena Street,
Mġarr - Gozo
Tel: 2155 8681 / 2156 1316
Fax: 2155 0122 Mob: 9988 8457




# Għajnsielem u SK Victoria Wanderers jirbħu l-Ewwel Unuri tal-Istaġun

### *Għajnsielem jirbħu t-Tazza Indipendenza għas-sitt darba*



Għajnsielem b'*golden goal* fil-118-il minuta rnexxielhom jirbħu dan l-ewwel unur staġjonali li joffri l-*football* Għawdxi meta fil-finali għelbu b'dan il-*goal* uniku lil Xewkija Tigers. Din il-finali tat-22 edizzjoni ftit offriet emozzjonijiet għajr li l-logħba bdiet sagħtejn qabel mingħajr ma aħna l-ġurnalisti konna avżati. Fl-ewwel taqsima ftit li xejn iż-żewġ naħat resqu lejn il-lasti avversarji fejn Xewkija kellhom *goal* imħassar u Għajnsielem ipprotestaw għal *penalty*. Iżda t-tieni taqsima offriet xi azzjonijiet denji. Fil-fatt, Għajnsielem bdew biex laqtu l-lasti minn *freekick* ta' Cremona u daqqa ta' ras ta' Buttigieg kienet ikklerjata minn fuq il-linja minn Saliba. Imbagħad Debono salva l-kannonata ta' Cremona. L-aħħar minuti tal-ħin regolamentari kienu eċċitanti, fejn wara li Għajnsielem reġgħu laqtu l-lasti minn xutt minn tarf il-kaxxa permezz ta' Meilak, Xewkija wieġbu b'daqqa ta' ras ta' Rais tmissha l-istess sfortuna. B'hekk il-logħba kellha tidħol fil-ħin barrani fejn iż-żewġ naħat marru viċin li jiskurjaw. Xewkija bdew b'xutt ta' Conti ftit għoli u fuq in-naħa l-oħra Buttigieg falla l-mira bi ftit b'*lob*. Fit-tieni taqsima ta' dan il-ħin barrani kienu Xewkija li reġgħu marru viċin b'xutt imkaxkar ta' Camilleri li għadda jħakkek ma' sieq il-lasta. Għajnsielem wieġbu b'xutt angulat ftit barra ta' Attard, biex żewġ minuti mit-tmiem, meta kulħadd kien qed jaħseb għal-lotterija tal-*penalties*, kienu l-*Blacks* li kisbu l-*goal* deċiżiv permezz tas-sostitut Joseph Attard, biex b'hekk ta unur ieħor lit-tim tiegħu, li kompla jiżdied mal-lista impressjonati ta' unuri miksuba fl-istorja glorjuża tal-klabb.

### *Ir-riżultati kollha kienu dawn:*

**Round Preliminari**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kerċem *Ajax* | 1 | SK Victoria *Wanderers* | 1 |
| (Kerċem għaddew 3-1 wara l-għoti tal-*penalties*) | | | |
| Victoria *Hotspurs* | 1 | Xagħra *United* | 2 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Oratory Youths* | 0 | St Lawrence *Spurs* | 1 |
| Għajnsielem | 2 | Qala St Joseph | 1 |
| **Kwarti-finali** | | | |
| Xagħra *United* | 2 | Xewkija *Tigers* | 4 |
| Kerċem *Ajax* | 0 | Sannat *Lions* | 0 |
| (Sannat għaddew 5-3 wara l-għoti tal-*penalties*) | | | |
| Għajnsielem | 2 | Nadur *Youngsters* | 0 |
| St Lawrence *Spurs* | 0 | Żebbuġ *Rovers* | 2 |
| **Semi-finali** | | | |
| Xewkija *Tigers* | 3 | Sannat *Lions* | 2 |
| (wara l-ħin barrani) | | | |
| Għajnsielem | 1 | Żebbuġ *Rovers* | 0 |
| **Finali** | | | |
| Xewkija *Tigers* | 0 | Għajnsielem | 1 |
| (wara l-ħin barrani) | | | |

## *SK Victoria jżommu l-FXB KO tat-Tieni Diviżjoni*



Anke dan l-unur ġie deċiż b'*golden goal* meta David Portelli fil-108 minuta rnexxielu jikseb l-uniku *goal* tal-partita biex il-*holders* SK Victoria *Wanderers* żammew dan l-unur li kienu rebħu fl-istagun ta' qabel. Kienet finali interessanti fejn effettivament ir-rebħa setgħet marret kull naħa. Minkejja li Sannat kellhom iktar mill-inizjattiva, huma kienu traskurati fil-konkluzjonijiet tagħhom.

SK Victoria, wara perjodu pjuttost twil jikkontrollaw l-offensiva tal-avversarji, dehru ferm motivati fil-ħin barrani u minn mument għal ieħor kien mistenni li jasal l-*goal,* minkejja li dan irriżżulta minn azzjoni ta' *penalty* fallut.

Wara bidu bilanċjat, Sannat bdew iżidu fl-offensiva u ħolqu perikli b'tentattivi ta' Mutalib, Muscat u Brazilino. Imbagħad l-istess *player* Brażiljan kellu *freekick* dirett salvat tajjeb minn Mercieca għal *corner*. Fit-tieni taqsima Sannat baqgħu jipprovaw, bil-*Wanderers* kostretti li jikkontrollaw fuq wara u mbagħad lejn it-tmiem bdew joperaw bil-kontrattakki. Wara ħames minuti Mercieca wettaq *save* diffiċli biex waqqaf il-ħarba ta' Mutalib. Imbagħad konklużjonijiet ta' Brazilino u Formosa kienu kklerjati minn quddiem il-lasti b'diffikulta. Ftit wara tentattiv ta' Muscat deher destinat għal ġewwa iżda kienet imtajjar minn fuq il-linja fatali. Sannat komplew jinsistu b'Buttigieg waħdu quddiem il-*goalkeeper* jagħmel l-impossibli meta tefa' għoli, u *freekick* ieħor ta' Brazilino kien salvat għal darb'oħra minn Mercieca.

Lejn it-tmiem SK Victoria bdew ħerġin minn wara u marru ħafna viċin, l-ewwel permezz ta' azzjoni personali ta' Portelli, u fit-42 minuta, wara kross tal-istess *player*, Elliot b'daqqa ta' ras stupenda ra lil Galea jwettaq l-isbaħ *save* tal-partita meta tar minn tulu biex dawwar għal *corner*.

B'hekk il-partita kellha tidħol fil-ħin barrani u hawn ir-Rabtin dehru ferm motivati fejn ħadu r-riedni f'idejhom, sakemm fit-tielet minuta tat-tieni taqsima ta' dan il-ħin żejjed huma ġew mogħtija *penalty* wara *hands* ta' J. Buttigieg. Mill-ħdax il-metru Elliot ra lil Galea jsalvalu parzjalment iżda mir-*rebound* David Portelli kien l-iktar attent biex tefa' ġewwa għall-*goal* tar-rebħa.

## *Ir-rizultati kollha kienu dawn:*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Kwarti-finali** | | | |
| Għarb *Rangers* | 0 | Sannat *Lions* | 1 |
| SK Victoria *Wanderers* | 2 | Kercem *Ajax* | 0 |
| **Semi-finali** | | | |
| Sannat Lions | 3 | *Oratory Youths* | 0 |
| SK Victoria *Wanderers* | 3 | St Lawrence *Spurs* | 3 |
| (SK Victoria għaddew 3-1 wara l-għoti tal-*penalties*) | | | |
| **Finali** | | | |
| Sannat *Lions* | 0 | SK Victoria *Wanderers* | 1 |
| (wara l-ħin barrani) | | | |



# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

### ♦ *Attur jikser siequ waqt pantomima*

Ix-xahar li għadda kien ix-xahar tal-pantomimi. F'waħda partikulari f'Darlington, raġel li kien qed jagħmel il-parti ta' *dwarf* fil-pantomima ta' *'Snow White and the Seven Dwarfs'*, niżel it-taraġ b'pass mgħaġġel u tgerbeb f'nofsu!
Ġara li ma kienx imdorri jinżel it-taraġ kokka u spiċċa b'sieq miksura. L-udjenza nfexxet f'ċapċipa kbira għax ħasbet li dik kienet parti mill-pantomima!

### ♦ *57 jum ħabs għax ħeba żewġ xadini fil-qalziet!*

Robert John Cusack ingħata piena ta' 57 jum ħabs wara li nqabad idaħħal żewġ speċi rari ta' xadini fl-Ajruport Internazzjonali ta' Los Angeles. Ix-xadini kienu moħbija fil-qalziet tar-raġel! Flimkien magħhom, fl-istess qalziet, kien hemm ukoll mal 15-il għasfur protetti mill-liġi.
Ir-raġel kien għadu kemm wasal minn vjaġġ twil mit-Tajlandja. L-għasafar u x-xadini, issa, jinsabu jgawdu l-liberta` f'*zoo* f'Los Angeles!

### ♦ *Raġel jarmi l-ġojjelli ta' martu bi żball!*

Ma' kienx Milied normali dak għal Ien Hennekens ta' 57 sena minn Beek fil-Ġermanja. Bi żball rema kaxxa tal-ġojjelli ta' martu li fiha kien hemm b'kemm jiswew sebat elef lira sterlina f'deheb!
Meta ntebaħ x'kien għamel kien tard wisq għax l-iskart kien ġa' ttieħed għar-riċiklaġġ! Pero' r-rieda kollox fil-ħajja u wara ħamest ijiem ta' tiftix, mart ir-raġel sabet il-kaxxa tad-deheb tagħha li kienet għadha mimlija bil-gojjelli!

### ♦ *Ħalliel tniggżu l-kuxjenza wara 34 sena*

Ħalliel min-Nebraska bagħat lura lil sid ġojjellerija ammont ta' deheb li kien seraq mill-istess ħanut 34 sena qabel! Flimkien mad-deheb kien hemm ittra ndirizzata lill-*manager* ta' *Sarton Hamann Jewelry*. Fl-ittra qal hekk: "*Enclosed are two items that I stole from you in 1968. I'm very sorry and I should not have taken your property. I was wrong and I want to apologise for my actions*".




**IS-SENA T-TAJBA LILL-QARREJJA TAGĦNA!**




Into the Future
Daring design, extensive use of technology and space. The new Peugeot 307 is the forerunner of a new generation of vehicles; a blueprint for the 21st century car.
Perfectly in tune with your expectations for tomorrow, the 307 has an extraordinary range of technology such as automatic headlight illumination, an optional "PORSCHE TIPTRONIC SYSTEM", sequential automatic gearbox and an ABS braking system with EBFD (Electronic Brake Force Distributor) and Emergency Brake Assist. With Airbags, 4 disc brakes, "active" seat backs, a retractable steering column, and HDi technology, the 307 provides a high level of technology that not only delivers for you, but for your environment too.
307
Michael Attard Ltd.
National Road, Blata l-Bajda - T. 2123 8854
Psaila Street, Sta Venera - T. 2144 9312
E: sales@michaelattard.com
Gozo Sub-agent: Attard Auto Dealer, Mgarr Rd., Għajnsielem - T: 2155 9453
PEUGEOT
PEUGEOT. ENGINEERED TO BE ENJOYED.






**Sporty** - 3/5-door Corolla Hatchback



**Versatile MPV** - Corolla Verso



**Practical & Stylish** - Corolla Wagon



**Elegant** - Corolla Sedan

THE ALL NEW

# COROLLA D-4D

**2.0 Litre - COMMON RAIL DIESEL**

## A car for any lifestyle.

**Standard Features include:**

- Driver & Passenger Airbags
- ABS
- EBD
- Power/Tilt Steering
- Radio/Cassette-4 speakers
- Power Windows
- Power Door Locks
- Electric Side Mirrors
- Engine Immobiliser
- Colour-Key Package

**...plus**

- impressive low fuel consumption
- new upmarket interior
- excellent quality & technology

***... and the reliability and value for which every Toyota is renowned.***

**debono** Rohan Arch - Zebbug
Tel: 21465806, 21465642. Fax: 21464095.

Gozo dealer: **PARDI ENTERPRISES LTD.** Tel:2155 6678.